**Ftehim dwar il-Protezzjoni tas-Saħħa tal-Ħaddiema permezz ta' Immaniġġjar Tajjeb u l-Użu tas-Silika Kristallina u l-Prodotti li jinkluduha**

(1) Peress li s-silika kristallina hi abbundanti fin-natura, u tifforma madwar 12% ta' wiċċ id-dinja. Is-silika kristallina hi inkluża b'mod naturali f'diversi minerali u prodotti minerali oħrajn.

(2) Peress li l-industrija tagħmel użu intensiv ta' tnejn miż-żewġ forom kristallini tas-silika, i.e. kwarz u kristobalit. It-tnejn jinbiegħu bħala ramel, li hu materjal granulari, jew bħala tqiq li jikkonsisti f'partikuli li huma ifjen minn 0.1 millimetri.

(3) Peress li s-silika kristallina, u materjali / prodotti / materjali mhux maħduma li fihom is-silika kristallina jintużaw f'varjetà kbira ta' industriji, li jinkludu iżda li mhumiex limitati għal dawk kimiċi, taċ-ċeramika, tal-kostruzzjoni, tal-kosmetiċi, tad-detergenti, ta' l-elettronika, tal-funderija, tal-ħġieġ, ta' l-ortikultura, taż-żmien ħieles, , tal-metall u ta' l-inġinerija, tal-kisi li jinkludu żebgħa, industriji farmaċewtiċi, u bħala mezzi tal-filtrazzjoni f'diversi industriji.

(4) Peress li l-*European Commission's Scientific Committee for Occupational Exposure* (SCOEL)[1] ikkonkluda, fost ħwejjeġ oħra, "li l-effett ewlieni fil-bnedmin tal-ġbid man-nifs tas-silika kristallina Respirabbli hi s-silikosi. Hemm biżżejjed tagħrif biex wieħed jikkonkludi li r-riskju relattiv ta' kanċer tal-pulmun jiżdied f'persuni bis-silikosi (u apparentement, mhux f'ħaddiema mingħajr silikosi li jkunu esposti għat-trab tas-silika fl-barrieri u fl-industrija taċ-ċeramika). Għalhekk, il-prevenzjoni tal-bidu tas-silikosi ser tnaqqas ukoll ir-riskju tal-kanċer. Minħabba li limitu ċar għall-iżvilupp tas-silikosi ma jistax ikun identifikat, kwalunkwe tnaqqis fl-espożizzjoni ser inaqqas ir-riskju tas-silikosi."

(5) Peress li jidher li hemm evidenza li hemm potenza varjabbli ta' l-effetti tas-silika kristallina Respirabbli f'industriji differenti.

(6) Peress li hemm serje ta' fatturi mħawda fl-epidemjoloġija tal-kanċer tal-pulmun, per eżempju, it-tipjip, ir-radon, u l-Idrokarboni Aromatiċi Polikriliċi.

(7) Peress li bħalissa mhemm l-ebda limitu ta' espożizzjoni fuq il-post tax-xogħol għas-silika kristallina Respirabbli fil-livell ta' l-UE, u l-limiti nazzjonali ta' l-espożizzjoni fuq il-post tax-xogħol ivarjaw.

(8) Peress li s-silika kristallina Respirabbli tvarja f'ħafna aspetti – li jinkludu, minħabba l-abbundanza naturali tagħha – minn sitwazzjonijiet li normalment huma koperti mil-liġijiet tas-sigurtà tal-ħaddiema. Għalhekk, il-Ftehim preżenti, li f'ħafna aspetti hu uniku, hu strument adattat biex jimmaniġġja din is-sustanza partikulari.

(9) Peress li l-Partijiet jaġixxu billi jemmnu bil-qawwa li dan il-Ftehim ser jikkontribwixxi biex jipproteġi l-impjiegi, u jassigura l-futur ekonomiku tas-setturi u l-kumpaniji.

(10) Peress li l-Partijiet ser jagħmlu l-almu tagħhom biex jiksbu l-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim għal kumpaniji kollha fi ħdan is-setturi sħaħ li jirrappreżentaw.

---

[1] SCOEL SUM Doc 94-finali dwar is-silika kristallina respirabbli, Ġunju 2003.

Pubblikat fil-25 t' Ottubru,2006
Il-versjoni Ingliza hija awtorevoli - L-aktar traduzzjoni ricenti hija accessibbli fuq il-website tan-NEPSI www.nepsi.eu

(11) Peress li l-Partijiet ta' dan il-Ftehim jaġixxu skond Artikolu 139 (1) u (2) Trattat tal-KE.

Fir-rigward ta' dak li ntqal qabel, il-Partijiet jaqblu fuq il-Ftehim li ġej dwar il-prevenzjoni u l-protezzjoni tas-saħħa tal-ħaddiema permezz ta' l-immaniġġjar u l-użu tajjeb tas-silika kristallina u prodotti li jinkluduha.

**Artikolu 1 - Għanijiet**

Dan il-Ftehim għandu l-għan li jippromwovi

- l-protezzjoni tas-saħħa tal-Ħaddiema u individwi oħrajn li jkunu esposti fuq il-post tax-xogħol għas-silika kristallina Respirabbli minn materjali / prodotti / materjali mhux maħduma li fihom is-silika kristallina.
- il-minimizzazzjoni ta' l-espożizzjoni għas-silika kristallina Respirabbli fuq il-post tax-xogħol bl-applikazzjoni tal-Prattiċi Tajbin stipulati hawnhekk, sabiex jiġu evitati, eliminati jew jitnaqqsu r-riskji għas-saħħa fuq il-post tax-xogħol marbuta mas-silika kristallina Respirabbli.
- iżid l-għarfien dwar l-effetti potenzjali tas-silika kristallina Respirabbli fuq is-saħħa u dwar il-Prattiċi Tajbin.

**Artikolu 2 - Skop**

(1) Dan il-Ftehim jindirizza l-produzzjoni u l-użu tas-silika kristallina, kif ukoll materjali / prodotti / materjali mhux maħduma li fihom is-silika kristallina li tista' potenzjalment twassal għall-espożizzjoni tas-silika kristallina Respirabbli. Deskrizzjonijiet ta' l-industriji kkonċernati huma pprovduti f'Anness 5 hawnhekk.

(2) L-għan tal-Ftehim jinkludi attivitajiet anċillari marbuta magħhom, bħall-immaniġġjar, il-ħażna, u t-trasport. Japplika wkoll għal postijiet tax-xogħol mobbli. Postijiet tax-xogħol mobbli jistgħu jkunu suġġetti għal regoli speċifiċi elenkati hawn taħt.

(3) Dan il-Ftehim hu applikabbli għal Partijiet, Min Iħaddem u Ħaddiema kif definiti u stipulati hawn taħt.

**Artikolu 3 - Tifsiriet**

(1) ‘Min Iħaddem’ tfisser il-kumpaniji individwali direttament jew indirettament irrappreżentati mill-Partijiet ta' dan Ftehim li jirrappreżentaw l-industrija.

(2) ‘Ħaddiema’ tfisser il-ħaddiema direttament jew indirettament irrappreżentati mill-Partijiet ta' dan il-Ftehim li jirrappreżentaw ħaddiema li jistgħu minn żmien għal żmien ikunu esposti għas-silika kristallina Respirabbli. Ħaddiema hu mifhum li jfissru dawk *part-time*, *full-time*, kif ukoll ħaddiema fuq terminu fiss, u ħaddiema oħrajn li jaġixxu taħt is-superviżjoni diretta ta' Min Iħaddem (eż. issekondati / ħaddiema ppostjati).

(3) ‘Rappreżentanti tal-Ħaddiema’ tfisser rappreżentanti tal-ħaddiema b'responsabbiltà speċifika għas-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema: kwalunkwe persuna eletta jew magħżula b’konformità mal-liġi nazzjonali u / jew prattiċi biex jirrappreżentaw lill-ħaddiema fejn jinħolqu problemi marbuta mas-sigurtà u protezzjoni tas-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol.

(4) ‘Partijiet’ tfisser dawk li jiffirmaw dan il-Ftehim.

(5) ‘Silika kristallina respirabbli’ tfisser il-porzjon tal-massa ta' partikuli tas-silika kristallina miġbuda man-nifs li jippenetra ġol-passaġġi tan-nifs *unciliated*. Il-konvenzjoni respirabbli, li hi speċifikazzjoni mira għall-istrumenti tat-teħid tal-kampjuni, hi definita skond § 5.3 ta' l-Istandard Ewropew EN 481 Atmosferi fuq il-Post tax-Xogħol - Definizzjoni tal-porzjon tad-daqs għall-kejl ta' partikuli li jtiru fl-arja.



Pubblikat fil-25 t' Ottubru,2006
Il-versjoni Ingliza hija awtorevoli - L-aktar traduzzjoni ricenti hija accessibbli fuq il-website tan-NEPSI www.nepsi.eu

(6) ‘Prattiċi Tajbin’ tfisser il-prinċipji ġenerali ta' Direttiva 89/391 u ta' Taqsima II ta' Direttiva 98/24 kif żviluppat addizzjonalment u muri minn Anness 1 hawnhekk, li jista' jkun aġġornat minn żmien għal żmien.

(7) ‘Sit’ tfisser entità ta’ l-operat li fiha s-silika kristallina Respirabbli sseħħ. Il-ħażna u t-trasport huma kkunsidrati bħala Siti separati ħlief jekk ikunu marbuta ma' produzzjoni jew ma' Sit ta' l-użu. Postijiet tax-xogħol mobbli huma wkoll ikkunsidrati bħala Siti.

(8) ‘Non-applikazzjoni’ tfisser non-osservanza tal-Ftehim li jinkludi l-Prattiċi Tajbin kif definiti taħt (6) hawn fuq, li jirriżulta f'żieda ta' l-espożizzjoni tal-Ħaddiema għas-silika kristallina Respirabbli u r-riskju li jirriżulta għas-saħħa li seta' kien evitat billi jiġu osservati l-Prattiċi Tajbin.

(9) ‘Prattiċi Nazzjonali’ tfisser il-linji gwida jew standards maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti jew maqbula ma' l-industrija, li la huma ligi u lanqas regolament.

**Artikolu 4 - Prinċipji**

(1) Il-Partijiet ser jikkoperaw biex itejbu l-għarfien dwar l-effetti fuq is-saħħa tas-silika kristallina Respirabbli, b'mod partikulari permezz tar-riċerka, il-monitoraġġ, u t-tixrid ta' Prattiċi Tajbin.

(2) Il-Partijiet jirrikonoxxu li hemm ħtieġa għal strateġija Ewropea dwar il-prevenzjoni tas-silika kristallina Respirabbli. Madankollu, dan ma jfissirx li l-iffirmar ta' dan il-Ftehim għandu jkun ikkunsidrat bħala rikonoxximent ta' espożizzjoni mhux ikkontrollata fis-settur ikkonċernat jew espożizzjoni attwali fis-settur kollu.

(3) Il-Partijiet jirrikonoxxu li l-prinċipji ġenerali ta' Direttiva 89/391, u ta' Direttiva 98/24 dwar il-protezzjoni tas-saħħa u sigurtà tal-ħaddiema mir-riskji marbuta ma' sustanzi kimiċi fuq ix-xogħol, jibqgħu applikabbli f'kull ħin (li jinkludu, b'mod partikulari, Artikolu 4: determinazzjoni u evalwazzjoni tar-riskju; Artikolu 5: prevenzjoni tar-riskju; Artikolu 6: miżuri speċifiċi dwar il-protezzjoni u l-prevenzjoni; Artikolu 7: arranġamenti biex jilqgħu għal aċċidenti, inċidenti u emerġenzi; Artikolu 8: tagħrif u taħriġ għall-ħaddiema).

(4) Il-Partijiet jaqblu li s-silika kristallina u materjali / prodotti / materjali mhux maħduma li fihom is-silika kristallina huma, kif deskritti iktar fid-dettall f'Anness 5 hawnhekk, komponenti / ingredjenti bażiċi, utli u ta' sikwit indispensabbli għal numru kbir ta' attivitajiet industrijali u attivitajiet professjonali oħrajn li jikkontribwixxu għal protezzjoni ta' l-impjiegi, u biex jassiguraw il-futur ekonomiku tas-setturi u l-kumpaniji, u li l-produzzjoni u l-użu mifrux tagħhom għandhom għaldaqstant ikomplu.

(5) Il-Partijiet jaqblu li l-implimentazzjoni tal-‘Prattiċi Tajbin’ murija f'Anness 1 ta' dan Ftehim ser isservi bħala kontribuzzjoni effettiva għall-immaniġġjar tar-risjku billi tipprevjeni jew, fejn dan ma jistax jitwettaq bħalissa, timminimizza l-espożizzjoni għas-silika kristallina Respirabbli bl-applikazzjoni ta' miżuri xierqa ta' prevenzjoni u protezzjoni fl-applikazzjoni ta' Taqsima II ta' Direttiva 98/24.

(6) Dan il-Ftehim hu mingħajr preġudizzju għall-obbligu ta' Min Iħaddem u l-Ħaddiema li jkunu konformi mal-liġi nazzjonali u dik ta' l-UE fil-qasam tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema.

(7) Minħabba li l-Prattiċi nazzjonali fis-seħħ huma iktar stretti mill-ħtiġijiet taħt dan il-Ftehim, Min Iħaddem u l-Ħaddiema ser jirrispettaw dawn il-Prattiċi Nazzjonali.

**Artikolu 5 - Prattiċi Tajbin**

(1) Il-Partijiet jadottaw b'mod konġunt il-Prattiċi Tajbin kif muri f'Anness 1 hawnhekk.

(2) Min Iħaddem u l-Ħaddiema, u r-Rappreżentanti tal-Ħaddiema, flimkien ser jagħmlu l-aħjar sforzi tagħhom biex jimplimentaw il-Prattiċi Tajbin fil-livell tas-Sit kif ikun applikabbli hemmhekk, li, fir-rigward ta' dawk li mhumiex Ħaddiema esposti fuq il-post tax-xogħol fis-Siti, per eżempju kuntratturi (eż. billi, fejn ikun applikabbli, jagħmlu l-Prattiċi Tajbin parti mill-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt).



Pubblikat fil-25 t' Ottubru,2006
Il-versjoni Ingliza hija awtorevoli - L-aktar traduzzjoni ricenti hija accessibbli fuq il-website tan-NEPSI www.nepsi.eu

(3) Anness 1 jista' jiġi adattat b'konformità mal-proċedura msemmija f'Anness 7.

(4) Min Iħaddem iwiegħdu li jorganizzaw taħriġ perjodiku, u l-Ħaddiema kollha kkonċernati jwiegħdu li jobdu dan it-taħriġ perjodiku fir-rigward ta' l-implimentazzjoni tal-Prattiċi Tajbin[2].

**Artikolu 6 - Monitoraġġ**

(1) Kull Sit ser jinstalla sistema ta' monitoraġġ għall-applikazzjoni tal-Prattiċi Tajbin. Għal dan il-għan, Ħaddiem (eż. it-*team leader* ta' sit) ser jintgħażel għal kull sit minn Min Iħaddem biex jimmonitorja l-applikazzjoni tal-Prattiċi Tajbin. Hu/hi ser jirrapporta/tirrapporta lill-individwu magħżul taħt (2) meta jkun mitlub.

(2) Individwu ser jintgħażel minn Min Iħaddem b'konformità mal-provvedimenti ta' Artikolu 7 ta' Direttiva 89/391 biex jimmonitorja l-applikazzjoni jew in-Non-applikazzjoni tal-Prattiċi Tajbin regolarment. Hu/hi ser jikkomunika/tikkomunika mal-persuni magħżula skond (1) hawn fuq, skond skeda/proċedura mwaqqfa taħt ir-responsabbiltà tiegħu/tagħha, wara konsultazzjoni mal-kunsilli tax-xogħol tal-kumpanija u tar-Rappreżentanti tal-Ħaddiema fejn ikun applikabbli.

(3) Għall-monitoraġġ tat-trab, Min Iħaddem ser jirrispetta l-Protokoll(i) tal-Monitoraġġ tat-Trab kif deskritt fil-qosor f'Anness 2. Dan/dawn il-Protokoll(i) jistgħu jiġu adattati għall-ħtiġijiet speċifiċi ta' Siti iżgħar u jistgħu jippermettu l-għażla *random* ta' Siti f'każ ta' ħafna Siti iżgħar f'setturi speċifiċi.

**Artikolu 7 - Rappurtaġġ, Titjib**

(1) Min Iħaddem u l-Ħaddiema, bl-appoġġ tar-Rappreżentanti tal-Ħaddiema, għandhom, b'mod konġunt u kontinwu, jistinkaw biex jirrispettaw il-Prattiċi Tajbin, u biex itejbu l-applikazzjoni tagħhom.

(2) Min Iħaddem għandu jirrapporta l-applikazzjoni / Non-applikazzjoni u t-titjib permezz ta' l-individwu magħżul tagħhom taħt Artikolu 6 (2) kull sentejn, għall-ewwel darba fl-2008 (rappurtaġġ ta' informazzjoni ta' l-2007 ).

Format tar-rappurtaġġ se jkun żviluppat b'mod konġunt mill-Partijiet bħala Anness 3 ta' dan il-Ftehim.

(3) Il-Partijiet jaqblu li n-numru ta' sitwazzjonijiet ta' Non-applikazzjoni għal kull entità ta' Min Iħaddem għandu jitnaqqas progressivament matul it-terminu ta' dan il-Ftehim, ħlief jekk in-numru ta' sitwazzjonijiet ta' Non-applikazzjoni ikun tali li ma jħallix li jkun hemm iktar titjib, fl-liema punt, Min Iħaddem ser jagħmel minn kollox biex iżomm l-i*status quo*.

(4) Ir-rappurtaġġ taħt (2) hawn fuq għandu jitmexxa permezz tal-Parti rispettiva fuq bażi kkonsolidata lill-Kunsill. Madankollu, lista ta' Siti li huma ripetutament f'sitwazzjoni ta' Non-applikazzjoni għandhom jiġu annessi mar-rapport ikkonsolidat.

**Artikolu 8: Il-Kunsill**

(1) Prinċipju

L-għan ewlieni segwit mill-Kunsill hu li jidentifika l-problemi eżistenti u biex jipproponi soluzzjonijiet possibbli. Il-Kunsill għandu jkun l-uniku u l-organu esklussiv li jissorvelja l-implimentazzjoni u l-interpretazzjoni tal-Ftehim.

(2) Xogħol

Il-Kunsill għandu jirrevedi r-rapporti ta' Artikolu 7 u joħroġ Rapport tas-Sommarju sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju tas-sena ta' wara, li jiddeskrivi fil-qosor l-applikazzjoni, in-Non-

[2] Ara Artikolu 13 ta' Direttiva 89/391.



Pubblikat fil-25 t' Ottubru,2006
Il-versjoni Ingliza hija awtorevoli - L-aktar traduzzjoni ricenti hija accessibbli fuq il-website tan-NEPSI www.nepsi.eu

applikazzjoni u t-titjib, u jiddikjara l-livell ta' applikazzjoni / Non-applikazzjoni għal kull settur ta' l-industrija, ir-raġunijiet għalihom, u joħroġ rakkomandazzjonijiet marbuta magħhom. Ir-Rapport tas-Sommarju ser jintbagħat lill-Partijiet u lill-membri tagħhom, lill-Kummissjoni Ewropea u lill-awtoritajiet nazzjonali responsabbli mis-sigurtà tal-ħaddiema, u għandu jkun immarkat "informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali/sensittiva". Sommarju Eżekuttiv jista' jsir disponibbli lill-pubbliku jekk dan ikun mixtieq. F'Ġunju 2007, ir-Rapport tas-Sommarju għandu jkun differenti fil-format billi sempliċement isir sommarju, ibbażat fuq tagħrif li jsir disponibbli mill-Partijiet, l-istatus ta' l-implimentazzjoni u l-preparazzjonijiet għall-ewwel rappurtaġġ li għandu jseħħ fl-2008.

F'każijiet ta' Non-applikazzjonijiet ripetuti fejn dawn huma r-riżultat ta' nuqqas ripetut u mhux iġġustifikat li jiġu implimentati azzjonijiet korrettivi, il-Kunsill ser jiddeċiedi dwar il-miżuri li għadhom jittieħdu biex jindirizzaw dawn is-sitwazzjonijiet.

Flimkien max-xogħlijiet t'hawn fuq, il-Kunsill għandu jkollu wkoll dawn ix-xogħlijiet li ġejjin: (a) diskussjoni u riżoluzzjoni ta' kwalunkwe temi ta' importanza għall-operat tal-Ftehim; (b) riżoluzzjoni ta' kwalunkwe konflitti u temi ta' interpretazzjoni taħt dan il-Ftehim, li jinkludu dawk miġjuba minn Partijiet, Min Iħaddem u Ħaddiema individwali; (c) il-ħruġ ta' rakkomandazzjonijiet dwar reviżjonijiet possibbli ta' dan il-Ftehim; (d) kommunikazzjoni ma' terzi partijiet; u (e) adattament tal-Prattiċi Tajbin b'konformità ma' Anness 7.

(3) Kompożizzjoni

Il-Kunsill għandu jkun jikkonsisti minn rappreżentanti tal-Partijiet appuntati minnhom għall-ewwel darba fil-jum ta' l-iffirmar tal-Ftehim għal termini ta' erba' snin kull wieħed, li jkunu indaqs fin-numru u jirrappreżentaw lil Min Iħaddem u lill-Ħaddiema. Il-Partijiet jistgħu wkoll, fl-istess ħin, jew wara, jekk ikun meħtieġ, jappuntaw Membru Alternat wieħed għal kull membru tal-Kunsill li jista' jakkompanja bħala osservatur silenzjuż jew jissostitwixxi membri tal-Kunsill skond il-ħtieġa, dejjem bl-iskop li jiżgura l-kontinwità u l-kompetenza xierqa. Id-daqs tal-Kunsill għandu jkun b'tali mod li jkun jista' jinħadem fil-prattika, u hu ffissat f'massimu ta' 30 (i.e. 15 / 15) li jinkludu ċ-*chairpersons* ta' Artikolu 3 ta' Anness 6. Jekk xi Parti tirtira, tirriżenja mill-Ftehim, jew ma tibqax teżisti, jew jekk Parti ġdida tingħaqad mal-Ftehim matul perjodu ta' terminu tal-Kunsill, il-Partijiet ser jaġġustaw is-sħubija tal-Kunsill kif ikun xieraq, filwaqt li jirrispettaw in-numru massimu msemmi hawn fuq. Il-Partijiet li ma jkunux irrappreżentati fil-Kunsill bħala Membri jew Membri Alternati għandhom id-dritt li jinstemgħu mill-Kunsill u li jkunu preżenti fid-dibattitu fuq it-tema tagħhom. Ir-regoli tal-Kunsill huma deskritti f'Anness 6 hawnhekk.

(4) Teħid ta' deċiżjonijiet

Il-Kunsill jimmira li jieħu d-deċiżjonijiet permezz ta' kunsens. Jekk ma jkunx hemm kunsens, id-deċiżjonijiet tal-Kunsill jittieħdu permezz ta' maġġoranza kkwalifikata doppja ta' 75% tal-voti rispettivament attribwiti lir-rappreżentanti tal-Ħaddiema u lir-rappreżentanti ta' Min Iħaddem. Per eżempju, jekk il-Kunsill jikkonsisti fi 30 membru (15 fuq in-naħa tal-Ħaddiema u 15 fuq in-naħa ta' Min Iħaddem), maġġoranza ta' 12-il vot fuq kull naħa tkun meħtieġa.

(5) Segretarjat

Il-Kunsill għandu jkun megħjun b'mod loġistiku minn segretarjat li ser jitwaqqaf mill-Partijiet fiż-żmien meta jiġi ffirmat il-Ftehim.

**Artikolu 9 – Kunfidenzjalità**

(1) Il-komunikazzjonijiet orali u miktuba kollha fost u bejn il-Partijiet u l-membri tagħhom li jikkonċernaw l-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim għandhom jibqgħu kunfidenzjali u m'għandhomx isiru disponibbli lil terzi partijiet ħlief jekk ikun hemm obbligu legali ta' żvelar.

Il-provvediment tal-kunfidenzjalità riferut f'(1) ma japplikax għal dawn li ġejjin:

- ir-Rapport tas-Sommarju li ser jintbagħat biss lill-individwi u organizzazzjonijiet elenkati f'Artikolu 8 (2),



Pubblikat fil-25 t' Ottubru,2006
Il-versjoni Ingliza hija awtorevoli - L-aktar traduzzjoni ricenti hija accessibbli fuq il-website tan-NEPSI www.nepsi.eu

- is-Sommarju Eżekuttiv li jista' jiġi żvelat lil terzi partijiet,
- il-kuntatti konġunti meħtieġa taċ-*Chairpersons* tal-Kunsill ma' terzi partijiet,
- iċ-ċirkolazzjoni meħtieġa ta' tagħrif mill-Partijiet lill-membri tagħhom sakemm dawk il-membri huma affettwati mit-tagħrif żvelat.

(3) L-identità tal-kumpaniji msemmija fir-rapporti tista' tiġi żvelata biss lill-membri tal-Partijiet li huma kkonċernati, ħlief jekk ikun deċiż mod ieħor mill-Kunsill taħt Artikolu 8 (2). Il-persuni li jkunu qed jirċievu għandhom jintrabtu mill-istess livell ta' obbligazzjonijiet ta' kunfidenzjalità kif stipulati minn dan il-Ftehim.

(4) Il-ksur ta' (1) u (3) għandhom jintitolaw lill-Parti li sofriet il-ħsara u/jew il-membri tagħha biex jieħdu azzjoni legali b'konformità mal-liġi ċivili nazzjonali.

**Artikolu 10 - Sorveljanza tas-Saħħa**

It-tabib ta' fuq il-post tax-xogħol / iġjenista industrijali jew l-organu intern jew estern ekwivalenti maħtura għas-Sit ser jiddefinixxi b'konformità mar-regolamenti nazzjonali, Artikolu 10 ta' Direttiva 98/24 u l-Protocoll tas-Sorveljanza tas-Saħħa kif deskritt f'Anness 8 l-iskop ta' l-eżamijiet mediċi li jkunu ser jitwettqu.

**Artikolu 11 - Riċerka - Ġbir ta' informazzjoni**

Il-Partijiet ser jiddiskutu nuqqasijiet fir-riċerka u informazzjoni u jagħmlu rakkomandazzjonijiet fir-rigward tar-riċerka, li jinkludu prodotti u proċessi iktar sikuri, li għandhom ikunu suġġetti għal evalwazzjoni tar-riskju qabel ma jintużaw. Ser jagħmlu wkoll rakkomandazzjonijiet fir-rigward ta' proġetti ta' ġbir ta' informazzjoni li għandhom jitwettqu fil-futur. Lista ta' proġetti riċerka li saru qabel hi mehmuża f'Anness 4.

**Artikolu 12 - Tul ta' Żmien - Reviżjoni**

(1) Dan il-Ftehim hu validu għal tul ta' żmien minimu ta' erba' snin u jkun awtomatikament imġedded għal żewġ perjodi ta' sentejn. Il-Partijiet huma intitolati li jirtiraw mill-Ftehim permezz ta' avviż li jingħata sena qabel.

(2) Dan il-Ftehim ma jibqax jgħodd hekk kif il-Partijiet kollha ma jibqgħux jirrappreżentaw is-setturi ta' l-industrija tagħhom, jew inqas minn żewġ Partijiet, wieħed li jirrappreżenta lil Min Iħaddem u wieħed li jirrappreżenta lill-Ħaddiema fl-istess settur ta' l-industrija, jibqgħu Partijiet hawnhekk.

(3) Il-Partijiet huma intitolati li jirtiraw minn dan il-Ftehim fi kwalunkwe ħin mingħajr avviż minn qabel fil-każ li l-kontroparti tas-settur ta' l-industrija ma tibqax parti minn dan il-Ftehim jew ma tibqax aktar rappreżentattiva ("Reċiproċità").

(4) F'każ li leġislazzjoni futura ta' l-UE marbuta mas-silika kristallina tiġi proposta, il-Partijiet għandhom jiltaqgħu biex jevalwaw l-impatt ta' din il-leġislazzjoni proposta fuq dan il-Ftehim.

**Artikolu 13 - Bdil ta' Partijiet**

(1) Dan il-Ftehim hu miftuħ għal firma ta' partijiet addizzjonali.

(2) Dan il-Ftehim ser jorbot lis-suċċessuri tal-Partijiet skond il-liġi.

**Artikolu 14 - Mixxellanja**

(1) Dan il-Ftehim ma joħloq l-ebda drittijiet u dmirijiet ħlief għal dawk li hemm stipulati hawnhekk.

(2) Kwalunkwe pretensjonijiet u tilwim marbuta ma' l-interpretatazzjoni u l-applikazzjoni ta' dan



Pubblikat fil-25 t' Ottubru,2006
Il-versjoni Ingliza hija awtorevoli - L-aktar traduzzjoni ricenti hija accessibbli fuq il-website tan-NEPSI www.nepsi.eu

il-Ftehim għandhom jitmexxew b'mod esklussiv mill-Kunsill u m'għandhomx, minħabba n-natura unika tal-Ftehim, ikunu suġġetti għal ġurisdizzjoni mill-qrati nazzjonali lokali. Kwalunkwe pretensjonijiet u tilwim ieħor marbuta ma' dan il-Ftehim għandhom ikunu sottomessi lil-liġi u l-ġurisdizzjoni tal-pajjiż tar-residenza tal-konvenut(i), fil-qorti kompetenti lokali tar-residenza tal-konvenut(i)

(3) Dan il-Ftehim ser ikun tradott fil-lingwi uffiċjali kollha ta' l-UE. Il-verżjoni bl-Ingliż hi dik li torbot għall-interpretatazzjoni.

(4) Minħabba l-fatt li hemm diskrepanza bejn il-Prattiċi Tajbin u l-Prattiċi Nazzjonali, li huma iktar stretti, f'ġurisdizzjoni speċifika, l-adeżjoni ma' Prattiċi Nazzjonali bħal dawn meħtieġa taħt Artikolu 4 (7) mhux ser tikkostitwixxi sitwazzjoni ta' Non-applikazzjoni taħt Artikolu 3 (8).

**Artikolu 15 – Dħul fis-Seħħ**

Dan il-Ftehim jidħol fis-seħħ sitt xhur wara l-iffirmar mill-ewwel żewġ Partijiet, wieħed li jirrappreżenta lil Min Iħaddem u wieħed li jirrappreżenta lill-Ħaddiema fl-istess setturi ta' l-industrija, bil-patt li l-Ftehim kien tradott fil-lingwi uffiċjali kollha ta' l-UE.

| | |
|---|---|
| Anness 1 | [Prattiċi Tajbin (Gwida ta’ Prattiċi Tajbin)] |
| Anness 2 | [Protokoll tal-Monitoraġġ tat-Trab] |
| Anness 3 | [Format tar-Rappurtaġġ] |
| Anness 4 | [Lista ta' Proġetti ta' Riċerka] |
| Anness 5 | [Deskrizzjonijiet ta' l-Industriji] |
| Anness 6 | [Il-Kunsill – Is-Segretarjat] |
| Anness 7 | [Proċedura għall-Adattament tal-Prattiċi Tajbin] |
| Anness 8 | [Protocoll tas-Sorveljanza tas-Saħħa għas-Silikosi] |



Pubblikat fil-25 t' Ottubru,2006
Il-versjoni Ingliza hija awtorevoli - L-aktar traduzzjoni ricenti hija accessibbli fuq il-website tan-NEPSI www.nepsi.eu

Dħul fis-seħħ, 25 t'April, 2006.

Minn:

**APFE - European Glass Fibre Producers Association**

Mr. R. Furber, Membru tal-Board

**BIBM - International Bureau for Precast Concrete**

Mr. E. Danno, Segretarju Ġenerali

**CAEF - The European Foundry Association**

Mr. K. Urbat, Segretarju Ġenerali

**CEEMET - Council of European Employers of the Metal, Engineering and Technology-Based Industries**

Mr. U. Combüchen, Segretarju Ġenerali

**CERAME-UNIE - The European Ceramics Industries**

Mr. R. Chorus, Segretarju Ġenerali



Pubblikat fil-25 t' Ottubru,2006
Il-versjoni Ingliza hija awtorevoli - L-aktar traduzzjoni ricenti hija accessibbli fuq il-website tan-NEPSI www.nepsi.eu

**CEMBUREAU - The European Cement Association**

Mr. P. Vanfrachem, Viċi-President

**EMCEF - European Mine, Chemical and Energy Workers' Federation**

Mr. P. Mazeau, Deputat Segretarju Ġenerali

**EMF - European Metalworkers' Federation**

Mr. B. Samyn, Deputat Segretarju Ġenerali

**EMO - European Mortar Industry Organization**

Mr. H-P. Braus, Segretarju Ġenerali

**EURIMA - European Insulation Manufacturers Association**

Mr. H. Biedermann, Direttur Ġenerali



Pubblikat fil-25 t' Ottubru,2006
Il-versjoni Ingliza hija awtorevoli - L-aktar traduzzjoni ricenti hija accessibbli fuq il-website tan-NEPSI www.nepsi.eu

**EUROMINES - European Association of Mining Industries**

Mrs. C. Hebestreit, Segretarju Ġenerali

**EURO-ROC - European and International federation of natural stones industries**

Mr. G. Merke, Segretarju Ġenerali

**ESGA - European Special Glass Association**

Mr. F. Van Houte, Segretarju Ġenerali

**FEVE - European Container Glass Federation**

Mr. A. Somogyi, Segretarju Ġenerali

**GEPVP - European Association of Flat Glass Manufacturers**

Mrs. E. Bullen, Segretarju Ġenerali



Pubblikat fil-25 t' Ottubru,2006
Il-versjoni Ingliza hija awtorevoli - L-aktar traduzzjoni ricenti hija accessibbli fuq il-website tan-NEPSI www.nepsi.eu

**IMA-Europe – The Industrial Minerals Association**

Mr. C. Stenneler, President

Mrs. M. Wyart-Remy, Segretarju Ġenerali

**UEPG - European Aggregates Association**

Mr. D. Audibert, President



Pubblikat fil-25 t' Ottubru,2006
Il-versjoni Ingliza hija awtorevoli - L-aktar traduzzjoni ricenti hija accessibbli fuq il-website tan-NEPSI www.nepsi.eu

**Anness 1 - Prattiċi Tajbin (Gwida ta' Prattiċi Tajbin)**



Pubblikat fil-25 t' Ottubru,2006
Il-versjoni Ingliza hija awtorevoli - L-aktar traduzzjoni ricenti hija accessibbli fuq il-website tan-NEPSI www.nepsi.eu

## Anness 2 – Protokoll tal-Monitoraġġ tat-Trab

### Għan

Il-protokoll tal-monitoraġġ tat-trab hu intenzjonat li jintuża minn kwalunkwe kumpanija li tixtieq twettaq evalwazzjoni ta' l-espożizzjoni biex tkejjel il-livelli ta' l-espożizzjoni għat-trab fuq il-post tax-xogħol. Hu kompatibbli mal-leġislazzjoni nazzjonali kurrenti kollha fl-UE. Il-ħtiġijiet deskritti hawn taħt huma aktar applikabbli għal kumpaniji bla ebda informazzjoni rappreżentattiva fuq il-livelli ta' l-espożizzjoni tat-trab. Għall-kumpaniji oħrajn (per eżempju, dawk b'*database* valida li qed jimplimentaw protokoll tal-monitoraġġ tat-trab simili għal żmien twil) verżjoni inqas kumplessa ta' dan il-protokoll (bla ebda bżonn li jkunu konformi mal-ħtiġijiet kollha) tista' tiġi applikata.

### Skop

L-iskop tal-protokoll tal-monitoraġġ tat-trab hu li jiġbor informazzjoni dwar l-espożizzjoni tat-trab biex jagħmilha possibbli li kumpaniji differenti jevalwaw il-provvedimenti rilevanti nazzjonali u dawk ta' l-UE dwar l-iġjene fuq il-post tax-xogħol, bħal Valuri Limiti ta' l-Espożizzjoni fuq il-Post tax-Xogħol, u biex jiggwidaw il-prevenzjoni.
Jista' wkoll jippermetti li tinġabar informazzjoni rappreżentattiva u komparabbli dwar il-livelli ta' espożizzjoni tat-trab fuq il-post tax-xogħol fost kumpaniji fejn l-espożizzjoni għas-silika kristallina Respirabbli sseħħ sabiex tiġi prodotta informazzjoni dwar l-evalwazzjoni tar-riskju fuq is-saħħa minn espożizzjonijiet għat-trab fuq il-post tax-xogħol u biex tibda l-elaborazzjoni u l-produzzjoni ta' informazzjoni dwar l-espożizzjoni bħal "*job-exposure matrices*" disponibbli għal stħarriġ epidemjoloġiku ulterjuri possibbli.

### Ħtiġijiet

Hemm żewġ tipi ta' kejl li huma użati komunement:

- Personali;
- Statiċi.
-

Iż-żewġ tipi ta' kejl jistgħu jintużaw b'mod konġunt minħabba li huma komplimentari.
Jiddependi mill-esperti magħżula minn Min Iħaddem u r-rappreżentanti tal-ħaddiema li jagħżlu l-aktar soluzzjonijiet adegwati, filwaqt li jirrispettaw il-provvedimenti nazzjonali u ta' l-UE.

Il-ħtiġijiet ġenerali li ġejjin (meħuda mill-Istandards Ewropej EN 689 u EN 1232 – ara r-referenzi) għandhom ikunu segwiti:

- Għat-teħid ta' kampjuni personali, it-tagħmir tat-teħid tal-kampjuni għandu jintlibes mill-ħaddiem (fil-medda taż-żona fejn il-ħaddiem jieħu n-nifs).
- Il-porzjonijiet tat-trab miġbura jridu jkunu mill-inqas respirabbli u (mhux tabilfors) porzjonijiet ta' trab li jista' jinġibed man-nifs u ta' trab toraċiku.
- It-tagħmir tat-teħid tal-kampjuni użat biex jiġbor il-kampjuni tat-trab irid ikun konformi ma' l-istandard Ewropew EN 481 (għal kejl personali – ara r-referenzi).
- Il-postijiet tat-teħid tal-kampjuni għandhom jirrispettaw mill-inqas sett ta' funzjonijiet tax-xogħol definiti tajjeb[3].

---

[3] Per eżempju, fl-industrija tal-minerali industrijali, il-funzjonijiet tax-xogħol li ġejjin kienu ddeterminati: operatur tal-barriera (barra), operatur tal-*crusher* (ġewwa), operatur tal-*wet process*, operatur tad-*dry process*, operatur tal-mitħna, operatur tat-tqegħid fil-boroż, trasport/tagħbija *bulk*, *foreman*/staff tal-maniġment ta' l-impjant, ħaddiem tal-laboratorju, operatur tal-manutenzjoni u ta' ħiliet multipli (operatur ta' ħiliet multipli hu operatur li l-perċentwali taż-żmien tax-xogħol tiegħu hu inqas minn 50% fi kwalunkwe kategorija ta' funzjoni ta' xogħol oħra).



Pubblikat fil-25 t' Ottubru,2006
Il-versjoni Ingliza hija awtorevoli - L-aktar traduzzjoni ricenti hija accessibbli fuq il-website tan-NEPSI www.nepsi.eu

- It-tul ta' żmien għat-teħid tal-kampjuni għandu jikkorrispondi għal xift sħiħ (7-8 sigħat). In-numru ta' kampjuni għal kull funzjoni ta' xogħol għandha tkun tali li tkun rappreżentattiva ta' l-espożizzjoni tal-ħaddiem [4]. Meta jkun deċiż li hemm bżonn, Min Iħaddem u r-rappreżentanti tal-Ħaddiema għandhom jieħdu deċiżjonijiet konġunti dwar l-aħjar tul ta' żmien għat-teħid tal-kampjuni u l-perjodiċità.
- It-teknika analitika biex tiddetermina l-kontenut tal-kwarz (u tal-kristobalit) trid tkun jew diffrazzjoni ta' l-*X-ray* jew spettroskopija *Infrared* Fourier *transform* kif meħtieġ fl-istandards nazzjonali differenti.
- Dokumentazzjoni sħiħa fuq it-tagħmir u l-proċeduri trid tinżamm mill-kumpaniji (bil-għajnuna ta' l-organizzazzjoni responsabbli għat-teħid ta' kampjuni u l-analiżi) flimkien ma' informazzjoni dwar il-kejl tat-trab.
- Il-laboratorji involuti fl-analiżi tal-kwarz għandhom ikunu akkreditati u/jew għandhom jingħaqdu ma' eżerċizzju *round* inter-laboratorju biex jiżguraw il-kwalità u l-validità tal-proċeduri u r-riżultati tagħhom.

**Referenzi ewlenin**

Standards Ewropej:
EN 689 Atmosferi fuq il-post tax-xogħol-Gwida għall-evalwazzjoni ta' l-espożizzjoni mill-ġbid man-nifs ta' sustanzi kimiċi għal paragun mal-valuri limitu u ma' l-istrateġija tal-kejl, 1995, CEN.
EN 481 Atmosferi fuq il-post tax-xogħol-Definizzjonijiet tal-porzjon tad-daqs għall-kejl ta' partikuli li jtiru fl-arja, 1993, CEN.
EN 1232 Atmosferi fuq il-post tax-xogħol-Pompi għal kampjuni personali ta' sustanzi kimiċi-Ħtiġijiet u metodi tat-test, 1997.

Nota:
Il-kumpaniji għandhom jiċċekkjaw ir-regolament nazzjonali u l-istandards nazzjonali biex jiżguraw li l-monitoraġġ tagħhom tat-trab hu konformi mal-ħtiġijiet nazzjonali tagħhom. Ħafna pajjiżi għandhom disponibbli wkoll dokumenti dwar gwida teknika dwar l-evalwazzjoni ta' l-espożizzjoni fuq il-post tax-xogħol li tista' tintuża biex timplimenta l-monitoraġġ tat-trab fuq il-post tax-xogħol.

[4] Għal konformità mal-leġislazzjoni nazzjonali jew prevenzjoni, kampjun wieħed jew ftit kampjuni jistgħu jkunu biżżejjed għal skopijiet ta' statistika (per eżempju *job-exposure matrices*, studju epidemjoloġiku …), 6 għal kull funzjoni ta' xogħol hu l-inqas numru meħtieġ.



Pubblikat fil-25 t' Ottubru,2006
Il-versjoni Ingliża hija awtorevoli - L-aktar traduzzjoni riċenti hija accessibbli fuq il-website tan-NEPSI www.nepsi.eu

**<u>Anness 3 - Format tar-Rappurtaġġ</u>**

| Ftehim dwar il-Protezzjoni tas-Saħħa tal-Ħaddiema permezz ta' l-Immaniġġjar u l-Użu Tajjeb tas-Silika Kristallina u Prodotti li Jinkluduha<br>**Format tar-Rappurtaġġ** | **Livell tas-Sit** |
|---|---|
| **Data ta' l-aħħar aġġornament** | |

## Tagħrif Ġenerali tas-Sit

| | | 2006-2007 | 2008-2009 | 2010-2011 | 2012-2013 |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Kumpanija<br>*Isem tal-kumpanija* | | | | |
| 2 | Pajjiż | | | | |
| 3 | Settur | | | | |
| 4 | Sit<br>*Isem tas-Sit* | | | | |
| 5 | Sit li qed jirrapporta<br>*Agħżel "0" jekk l-informazzjoni għal din it-taqsima biss hi disponibbli, "1" jekk l-informazzjoni għat-taqsimiet ġejjin hi disponibbli* | | | | |
| 6 | Numru ta' Ħaddiema<br>*Numru totali ta'Ħaddiema fis-sit* | | | | |

## Riskju ta' l-Espożizzjoni

| | | 2006-2007 | 2008-2009 | 2010-2011 | 2012-2013 |
|---|---|---|---|---|---|
| 7 | Numru ta' Ħaddiema potenzjalment esposti għas-silika kristallina Respirabbli<br>*Daħħal in-numru ta' Ħaddiema li potenzjalment huma esposti għas-silika kristallina Respirabbli, eż. il-Ħaddiema kollha li qed jaħdmu fid-dipartimenti tal-produzzjoni* | | | | |

## Evalwazzjoni tar-Riskju u Monitoraġġ tat-Trab

| | | 2006-2007 | 2008-2009 | 2010-2011 | 2012-2013 |
|---|---|---|---|---|---|
| 8 | Numru ta' Ħaddiema koperti mill-evalwazzjoni tar-riskju (1)<br>*Daħħal in-numru ta' Ħaddiema/xogħol li għalihom il-proċedura ta' l-evalwazzjoni tar-riskju intemmet* | | | | |
| 9 | Numru ta' Ħaddiema koperti mill-monitoraġġ ta' l-espożizzjoni (2)<br>*Daħħal in-numru ta' Ħaddiema/xogħol li għalihom hemm informazzjoni disponibbli dwar l-espożizzjoni* | | | | |
| 10 | Numru ta' Ħaddiema bl-evalwazzjoni tar-riskju li jeħtieġu l-Protokoll tas-Sorveljanza tas-Saħħa għas-Silikosi (3)<br>*Daħħal in-numru ta' Ħaddiema/xogħol li għalihom il-proċedura ta' l-evalwazzjoni tar-riskju tissuġġerixxi l-ħtieġa li jinbeda Protokoll tas-Sorveljanza tas-Saħħa* | | | | |

## Sorveljanza tas-Saħħa

| | | 2006-2007 | 2008-2009 | 2010-2011 | 2012-2013 |
|---|---|---|---|---|---|
| 11 | Numru ta' Ħaddiema koperti minn Protokoll tas-sorveljanza tas-saħħa ġeneriku<br>*Daħħal in-numru ta' Ħaddiema segwiti bi protokoll tas-sorveljanza tas-saħħa ġeneriku; il-valur fil-mira jiddependi mill-impenji tal-Kumpanija jew mil-liġijiet nazzjonali* | | | | |
| 12 | Numru ta' Ħaddiema koperti minn Protokoll tas-Sorveljanza tas-Saħħa għas-Silikosi<br>*Daħħal in-numru ta' Ħaddiema segwiti bil-Protokoll tas-Sorveljanza tas-Saħħa għas-Silikosi speċifiku, li hu parti mill-Ftehim* | | | | |

## Taħriġ

| | | 2006-2007 | 2008-2009 | 2010-2011 | 2012-2013 |
|---|---|---|---|---|---|
| 13 | Numru ta' Ħaddiema koperti mit-tagħrif, struzzjoni u taħriġ dwar il-Prinċipji Ġenerali (4)<br>*Daħħal in-numru ta' Ħaddiema li huma inklużi fil-programm tal-Prinċipji Ġenerali* | | | | |
| 14 | Numru ta' Ħaddiema koperti mit-tagħrif, struzzjoni u taħriġ dwar il-Folji tax-Xogħol (5)<br>*Daħħal in-numru ta' Ħaddiema li huma inklużi fil-programm meħtieġ tal-Folji tax-Xogħol* | | | | |

## Prattiċi Tajbin

| | | 2006-2007 | 2008-2009 | 2010-2011 | 2012-2013 |
|---|---|---|---|---|---|
| 15 | Miżuri tekniċi biex titnaqqas il-ġenerazzjoni/tixrid tas-silika kristallina Respirabbli<br>*Agħżel "1" jekk il-Prattika speċifika hi implimentata fis-Sit, "0" jekk mhix implimentata jew mhix applikabbli* | | | | |
| 16 | Miżuri organizzazzjonali<br>*Agħżel "1" jekk il-Prattika speċifika hi implimentata fis-Sit, "0" jekk mhix implimentata jew mhix applikabbli* | | | | |
| 17 | Distribuzzjoni u użu ta' Tagħmir Protettiv Personali, fejn meħtieġ (6)<br>*Agħżel "1" jekk il-Prattika speċifika hi implimentata fis-Sit, "0" jekk mhix implimentata jew mhix applikabbli* | | | | |

## Indikaturi Importanti tal-Prestazzjoni

| | | 2006-2007 | 2008-2009 | 2010-2011 | 2012-2013 |
|---|---|---|---|---|---|
| 18 | % ta' Ħaddiema potenzjalment esposti għas-silika kristallina Respirabbli<br>*Linja 7 diviża b'linja 6; dan jagħti l-% tat-total ta' Ħaddiema li qed jaħdmu f'kuntatt ma' materjali li potenzjalment qed jiġġeneraw silika kristallina Respirabbli* | | | | |
| 19 | *% koperti bl-evalwazzjoni tar-riskju*<br>*Linja 8 diviża b'linja 7; dan jagħti l-% ta' implimentazzjoni tal-proċedura ta' l-evalwazzjoni tar-riskju* | | | | |
| 20 | *% koperti mill-monitoraġġ ta' l-espożizzjoni*<br>*Linja 9 diviża b'linja 7; dan jagħti l-% ta' implimentazzjoni tal-protokoll tal-monitoraġġ tat-trab* | | | | |
| 21 | *% bl-evalwazzjoni tar-riskju li jeħtieġu l-Protokoll tas-Sorveljanza tas-Saħħa għas-Silikosi*<br>*Linja 10 diviża b'linja 7; dan jagħti l-% ta' Ħaddiema b'espożizzjoni potenzjalment għolja* | | | | |
| 22 | *% koperti minn sorveljanza tas-saħħa ġenerika*<br>*Linja 11 diviża b'linja 7; dan jagħti f'%, l-impenn tal-Kumpanija lejn il-monitoraġġ tas-saħħa jew il-konformità mal-liġijiet nazzjonali* | | | | |
| 23 | *% koperti mill-Protokoll tas-Sorveljanza tas-Saħħa għas-Silikosi*<br>*Linja 12 diviża b'linja 10; dan jagħti l-% ta' implimentazzjoni tal-Protokoll tas-Sorveljanza tas-Saħħa għas-Silikosi speċifiku* | | | | |
| 24 | *% koperti mit-tagħrif, struzzjoni u taħriġ dwar il-Prinċipji Ġenerali*<br>*Linja 13 diviża b'linja 7; dan jagħti l-% ta' implimentazzjoni tat-tixrid tal-Prinċipji Ġenerali* | | | | |
| 25 | *% koperti mit-tagħrif, struzzjoni u taħriġ dwar il-Folji tax-Xogħol*<br>*Linja 14 diviża b'linja 7; dan jagħti l-% ta' implimentazzjoni tal-Folji tax-Xogħol meħtieġa* | | | | |

## Noti Importanti

Daħħal kwalunkwe kumment rilevanti dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim fil-livell tas-Sit (eż. enfasizza affarijiet pożittivi jew dawk mhux sodisfaċenti li twettqu, ħabbar programmi ta' titjib għal futur, iddeskrivi prattiċi ġodda tajbin li ġew adottati …….)

**Isem:**
**Pożizzjoni:**
**Data:** __ / __ / ____ **Firma**

(1) Il-proċedura ta' l-Evalwazzjoni tar-Riskju tinsab f'*Anness 1 - Prattiċi Tajbin* mal-Ftehim (Gwida ta' Prattiċi Tajbin, Parti I, Kapitlu 4)
(2) Irreferi għal *Anness 2 - Protokoll tal-Monitoraġġ tat-Trab* mal-Ftehim
(3) Irreferi għal *Anness 8 - Protokoll tas-Sorveljanza tas-Saħħa għas-Silikosi* mal-Ftehim
(4) Prinċipji ġenerali dwar il-prevenzjoni huma murija f'*Anness 1 - Prattiċi Tajbin* mal-Ftehim (Gwida ta' Prattiċi Tajbin, Parti I, elementi essenzjali tas-Silika Kristallina Respirabbli)
(5) Il-Prattiċi Tajbin huma murija f'*Anness 1 - Prattiċi Tajbin* mal-Ftehim (Gwida ta' Prattiċi Tajbin, Parti II, Folji tax-Xogħol Ġenerali u Speċifiċi)
(6) Lista tax-xogħol dwar il-PPE tinsab f'*Anness 1 - Prattiċi Tajbin* mal-Ftehim (Gwida ta' Prattiċi Tajbin, Parti II, Lista tax-xogħol 2.1.15)

Pubblikat fil-25 t' Ottubru,2006
Il-versjoni Ingliża hija awtorevoli - L-aktar traduzzjoni ricenti hija accessibbli fuq il-website tan-NEPSI www.nepsi.eu

| Ftehim dwar il-Protezzjoni tas-Saħħa tal-Ħaddiema permezz ta' l-Immaniġġjar u l-Użu Tajjeb tas-Silika Kristallina u Prodotti li Jinkluduha<br>**Format tar-Rappurtaġġ** | **Livell tal-Kumpanija** |
|---|---|
| **Data ta' l-aħħar aġġornament** | |

| | | 2006-2007 | 2008-2009 | 2010-2011 | 2012-2013 |
|---|---|---|---|---|---|
| | **Informazzjoni Ġenerali tal-Kumpanija (Pajjiż)** | | | | |
| 1 | Kumpanija | | | | |
| | *KIsem tal-kumpanija* | | | | |
| 2 | Pajjiż | | | | |
| 3 | Settur | | | | |
| 4a | Numru ta' Siti | | | | |
| | *Għodd linja 4 - Livell tas-Sit* | | | | |
| 4b | Numru ta' Siti Rrappurtati | | | | |
| | *Total ta' linja 5 - Livell tas-Sit* | | | | |
| **4c** | **% ta' Siti Rrappurtati** | | | | |
| | *Linja 4b diviża b'linja 4a; dan jagħti l-% ta' l-implimentazzjoni tar-Rappurta ġġ f'termini tan-numru ta' Siti* | | | | |
| 5a | Numru ta' Ħaddiema | | | | |
| | *Total ta' linja 6 - Livell tas-Sit* | | | | |
| 5b | Numru ta' Ħaddiema Rrappurtati | | | | |
| | *Total ta' linja 6 fejn linja 5 hi "1" - Livell tas-Sit* | | | | |
| **5c** | **% ta' Ħaddiema Rrappurtati** | | | | |
| | *Linja 5b diviża b'linja 5a; dan jagħti l-% ta' l-implimentazzjoni tar-Rappurta ġġ f'termini tan-numru ta' Ħaddiema* | | | | |
| | **Riskju ta' l-Espożizzjoni** | | | | |
| 7 | Numru ta' Ħaddiema potenzjalment esposti għas-silika kristallina Respirabbli | | | | |
| | *Total ta' linja 7 - Livell tas-Sit* | | | | |
| | **Evalwazzjoni tar-Riskju u Monitoraġġ tat-Trab** | | | | |
| 8 | Numru ta' Ħaddiema koperti mill-evalwazzjoni tar-riskju (1) | | | | |
| | *Total ta' linja 8 - Livell tas-Sit* | | | | |
| 9 | Numru ta' Ħaddiema koperti mill-monitora ġġ ta' l-espożizzjoni (2) | | | | |
| | *Total ta' linja 9 - Livell tas-Sit* | | | | |
| 10 | Numru ta' Ħaddiema bl-evalwazzjoni tar-riskju li jeħtieġu l-Protokoll tas-Sorveljanza tas-Saħħa għas-Silikosi (3) | | | | |
| | *Total ta' linja 10 - Livell tas-Sit* | | | | |
| | **Sorveljanza tas-Saħħa** | | | | |
| 11 | Numru ta' Ħaddiema koperti minn Protokoll tas-sorveljanza tas-saħħa ġeneriku | | | | |
| | *Total ta' linja 11 - Livell tas-Sit* | | | | |
| 12 | Numru ta' Ħaddiema koperti minn Protokoll tas-Sorveljanza tas-Saħħa għas-Silikosi | | | | |
| | *Total ta' linja 12 - Livell tas-Sit* | | | | |
| | **Taħriġ** | | | | |
| 13 | Numru ta' Ħaddiema koperti mit-tagħrif, struzzjoni u taħri ġ dwar il-Prinċipji Ġenerali (4) | | | | |
| | *Total ta' linja 13 - Livell tas-Sit* | | | | |
| 14 | Numru ta' Ħaddiema koperti mit-tagħrif, struzzjoni u taħri ġ dwar il-Folji tax-Xogħol (5) | | | | |
| | *Total ta' linja 14 - Livell tas-Sit* | | | | |
| | **Prattiċi Tajbin** | | | | |
| 15 | Miżuri tekniċi biex titnaqqas il-ġenerazzjoni/tixrid tas-silika kristallina Respirabbli | | | | |
| | *Total ta' linja 15 - Livell tas-Sit* | | | | |
| 16 | Miżuri organizzazzjonali | | | | |
| | *Total ta' linja 16 - Livell tas-Sit* | | | | |
| 17 | Distribuzzjoni u użu ta' Tagħmir Protettiv Personali, fejn meħtie ġ (6) | | | | |
| | *Total ta' linja 17 - Livell tas-Sit* | | | | |
| | **Indikaturi Importanti tal-Prestazzjoni** | | | | |
| 18 | % ta' Ħaddiema potenzjalment esposti għas-silika kristallina Respirabbli | | | | |
| | *Linja 7 diviża b'linja 5b; dan jagħti l-% tat-total ta' Ħaddiema li qed jaħdmu f'kuntatt ma' materjali li potenzjalment qed ji ġġeneraw silika kristallina Respirabbli* | | | | |
| 19 | *% koperti bl-evalwazzjoni tar-riskju* | | | | |
| | *Linja 8 diviża b'linja 7; dan jagħti l-% ta' implimentazzjoni tal-pro ċedura ta' l-evalwazzjoni tar-riskju* | | | | |
| 20 | *% koperti mill-monitoraġġ ta' l-espożizzjoni* | | | | |
| | *Linja 9 diviża b'linja 7; dan jagħti l-% ta' implimentazzjoni tal-protokoll tal-monitora ġġ tat-trab* | | | | |
| 21 | *% bl-evalwazzjoni tar-riskju li jeħtieġu l-Protokoll tas-Sorveljanza tas-Saħħa għas-Silikosi* | | | | |
| | *Linja 10 diviża b'linja 7; dan jagħti l-% ta' Ħaddiema b'espożizzjoni potenzjalment għolja* | | | | |
| 22 | *% koperti minn sorveljanza tas-saħħa ġenerika* | | | | |
| | *Linja 11 diviża b'linja 7; dan jagħti f'%, l-impenn tal-Kumpanija lejn il-monitora ġġ tas-saħħa jew il-konformit à mal-liġijiet nazzjonali* | | | | |
| 23 | *% koperti mill-Protokoll tas-Sorveljanza tas-Saħħa għas-Silikosi* | | | | |
| | *Linja 12 diviża b'linja 10; dan jagħti l-% ta' implimentazzjoni tal-Protokoll tas-Sorveljanza tas-Saħħa għas-Silikosi spe ċifiku* | | | | |
| 24 | *% koperti mit-tagħrif, struzzjoni u taħriġ dwar il-Prinċipji Ġenerali* | | | | |
| | *Linja 13 diviża b'linja 7; dan jagħti l-% ta' implimentazzjoni tat-tixrid tal-Prin ċipji Ġenerali* | | | | |
| 25 | *% koperti mit-tagħrif, struzzjoni u taħriġ dwar il-Folji tax-Xogħol* | | | | |
| | *Linja 14 diviża b'linja 7; dan jagħti l-% ta' implimentazzjoni tal-Folji tax-Xogħol meħtie ġa* | | | | |
| 26 | % ta' miżuri Tekniċi biex titnaqqas il-ġenerazzjoni/tixrid tas-silika kristallina Respirabbli | | | | |
| | *Linja 15 diviża b'linja 4b; dan jagħti l-% ta' Siti fejn il-miżura spe ċifika qed tiġi adottata* | | | | |
| 27 | % ta' miżuri Organizzazzjonali | | | | |
| | *Linja 16 diviża b'linja 4b; dan jagħti l-% ta' Siti fejn il-miżura spe ċifika qed tiġi adottata* | | | | |
| 28 | % tad-Distribuzzjoni u l-użu ta' Tagħmir Protettiv Personali, fejn meħtie ġ | | | | |
| | *Linja 17 diviża b'linja 4b; dan jagħti l-% ta' Siti fejn il-miżura spe ċifika qed tiġi adottata* | | | | |

## Noti Importanti

Daħħal kwalunkwe kumment rilevanti dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim fil-livell tal-Kumpanija (eż. enfasizza affarijiet pożittivi jew dawk mhux sodisfa ċenti li twettqu, ħabbar programmi ta' titjib g ħal futur, iddeskrivi pratti ċi ġodda tajbin li ġew adottati …….)

**Isem:**
**Pożizzjoni:**
**Data:** __ / __ / ____ **Firma**

(1) Il-proċedura ta' l-Evalwazzjoni tar-Riskju tinsab f'*Anness 1 - Prattiċi Tajbin* mal-Ftehim (Gwida ta' Pratti ċi Tajbin, Parti I, Kapitlu 4)
(2) Irreferi għal *Anness 2 - Protokoll tal-Monitoraġġ tat-Trab* mal-Ftehim
(3) Irreferi għal *Anness 8 - Protokoll tas-Sorveljanza tas-Saħħa għas-Silikosi* mal-Ftehim
(4) Prinċipji ġenerali dwar il-prevenzjoni huma murija f' *Anness 1 - Prattiċi Tajbin* mal-Ftehim (Gwida ta' Pratti ċi Tajbin, Parti I, elementi essenzjali tas-Silika Kristallina Respirabbli)
(5) Il-Prattiċi Tajbin huma murija f' *Anness 1 - Prattiċi Tajbin* mal-Ftehim (Gwida ta' Pratti ċi Tajbin, Parti II, Folji tax-Xogħol Ġenerali u Speċifiċi)
(6) Lista tax-xogħol dwar il-PPE tinsab f'*Anness 1 - Prattiċi Tajbin* mal-Ftehim (Gwida ta' Pratti ċi Tajbin, Parti II, Lista tax-xogħol 2.1.15)

**Ftehim dwar il-Protezzjoni tas-Saħħa tal-Ħaddiema permezz ta' l-Immaniġġjar u l-Użu Tajjeb tas-Silika Kristallina u Prodotti li Jinkluduha**
**Format tar-Rappurtaġġ**

# Livell tal-Pajjiż

| Data ta' l-aħħar aġġornament | |
|---|---|

## Informazzjoni Ġenerali tal-Pajjiż (Assoċjazzjoni Nazzjonali)

| | | 2006-2007 | 2008-2009 | 2010-2011 | 2012-2013 |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Assoċjazzjoni<br>*Isem ta' l-Assoċjazzjoni* | | | | |
| 2 | Pajjiż | | | | |
| 3 | Settur | | | | |
| 4a | Numru ta' Siti<br>*Għodd linja 4 - Livell tal-Kumpanija* | | | | |
| 4b | Numru ta' Siti Rrappurtati<br>*Total ta' linja 4b - Livell tal-Kumpanija* | | | | |
| **4c** | **% ta' Siti Rrappurtati**<br>*Linja 4b diviża b'linja 4a; dan jagħti l-% ta' l-implimentazzjoni tar-Rappurtaġġ f'termini tan-numru ta' Siti* | | | | |
| 5a | Numru ta' Ħaddiema<br>*Total ta' linja 5a - Livell tal-Kumpanija* | | | | |
| 5b | Numru ta' Ħaddiema Rrappurtati<br>*Total ta' linja 5b - Livell tal-Kumpanija* | | | | |
| **5c** | **% ta' Ħaddiema Rrappurtati**<br>*Linja 5b diviża b'linja 5a; dan jagħti l-% ta' l-implimentazzjoni tar-Rappurtaġġ f'termini tan-numru ta' Ħaddiema* | | | | |

## Riskju ta' l-Espożizzjoni

| | | 2006-2007 | 2008-2009 | 2010-2011 | 2012-2013 |
|---|---|---|---|---|---|
| 7 | Numru ta' Ħaddiema potenzjalment esposti għas-silika kristallina Respirabbli<br>*Total ta' linja 7 - Livell tal-Kumpanija* | | | | |

## Evalwazzjoni tar-Riskju u Monitoraġġ tat-Trab

| | | 2006-2007 | 2008-2009 | 2010-2011 | 2012-2013 |
|---|---|---|---|---|---|
| 8 | Numru ta' Ħaddiema koperti mill-evalwazzjoni tar-riskju (1)<br>*Total ta' linja 8 - Livell tal-Kumpanija* | | | | |
| 9 | Numru ta' Ħaddiema koperti mill-monitoraġġ ta' l-espożizzjoni (2)<br>*Total ta' linja 9 - Livell tal-Kumpanija* | | | | |
| 10 | Numru ta' Ħaddiema bl-evalwazzjoni tar-riskju li jeħtie ġu l-Protokoll tas-Sorveljanza tas-Saħħa għas-Silikosi (3)<br>*Total ta' linja 10 - Livell tal-Kumpanija* | | | | |

## Sorveljanza tas-Saħħa

| | | 2006-2007 | 2008-2009 | 2010-2011 | 2012-2013 |
|---|---|---|---|---|---|
| 11 | Numru ta' Ħaddiema koperti minn Protokoll tas-sorveljanza tas-saħħa ġeneriku<br>*Total ta' linja 11 - Livell tal-Kumpanija* | | | | |
| 12 | Numru ta' Ħaddiema koperti minn Protokoll tas-Sorveljanza tas-Saħħa għas-Silikosi<br>*Total ta' linja 12 - Livell tal-Kumpanija* | | | | |

## Taħriġ

| | | 2006-2007 | 2008-2009 | 2010-2011 | 2012-2013 |
|---|---|---|---|---|---|
| 13 | Numru ta' Ħaddiema koperti mit-tagħrif, struzzjoni u taħri ġ dwar il-Prinċipji Ġenerali (4)<br>*Total ta' linja 13 - Livell tal-Kumpanija* | | | | |
| 14 | Numru ta' Ħaddiema koperti mit-tagħrif, struzzjoni u taħri ġ dwar il-Folji tax-Xogħol (5)<br>*Total ta' linja 14 - Livell tal-Kumpanija* | | | | |

## Prattiċi Tajbin

| | | 2006-2007 | 2008-2009 | 2010-2011 | 2012-2013 |
|---|---|---|---|---|---|
| 15 | Miżuri tekniċi biex titnaqqas il-ġenerazzjoni/tixrid tas-silika kristallina Respirabbli<br>*Total ta' linja 15 - Livell tal-Kumpanija* | | | | |
| 16 | Miżuri organizzazzjonali u Pratti ċi Tajbin fuq ix-xogħol<br>*Total ta' linja 16 - Livell tal-Kumpanija* | | | | |
| 17 | Distribuzzjoni u użu ta' Tagħmir Protettiv Personali, fejn meħtie ġ (6)<br>*Total ta' linja 17 - Livell tal-Kumpanija* | | | | |

## Indikaturi Importanti tal-Prestazzjoni

| | | 2006-2007 | 2008-2009 | 2010-2011 | 2012-2013 |
|---|---|---|---|---|---|
| 18 | % ta' Ħaddiema potenzjalment esposti għas-silika kristallina Respirabbli<br>*Linja 7 diviża b'linja 5b; dan jagħti l-% tat-total ta' Ħaddiema li qed jaħdmu f'kuntatt ma' materjali li potenzjalment qed jiġġeneraw silika kristallina Respirabbli* | | | | |
| 19 | *% koperti bl-evalwazzjoni tar-riskju*<br>*Linja 8 diviża b'linja 7; dan jagħti l-% ta' implimentazzjoni tal-proċedura ta' l-evalwazzjoni tar-riskju* | | | | |
| 20 | *% koperti mill-monitora ġġ ta' l-espożizzjoni*<br>*Linja 9 diviża b'linja 7; dan jagħti l-% ta' implimentazzjoni tal-protokoll tal-monitoraġġ tat-trab* | | | | |
| 21 | *% bl-evalwazzjoni tar-riskju li je ħtieġu l-Protokoll tas-Sorveljanza tas-Saħħa għas-Silikosi*<br>*Linja 10 diviża b'linja 7; dan jagħti l-% ta' Ħaddiema b'espożizzjoni potenzjalment għolja* | | | | |
| 22 | *% koperti minn sorveljanza tas-sa ħħa ġenerika*<br>*Linja 11 diviża b'linja 7; dan jagħti f'%, l-impenn tal-Kumpanija lejn il-monitoraġġ tas-saħħa jew il-konformità mal-liġijiet nazzjonali* | | | | |
| 23 | *% koperti mill-Protokoll tas-Sorveljanza tas-Sa ħħa għas-Silikosi*<br>*Linja 12 diviża b'linja 10; dan jagħti l-% ta' implimentazzjoni tal-Protokoll tas-Sorveljanza tas-Saħħa għas-Silikosi speċifiku* | | | | |
| 24 | *% koperti mit-tag ħrif, struzzjoni u taħri ġ dwar il-Prinċipji Ġenerali*<br>*Linja 13 diviża b'linja 7; dan jagħti l-% ta' implimentazzjoni tat-tixrid tal-Prinċipji Ġenerali* | | | | |
| 25 | *% koperti mit-tag ħrif, struzzjoni u taħri ġ dwar il-Folji tax-Xogħol*<br>*Linja 14 diviża b'linja 7; dan jagħti l-% ta' implimentazzjoni tal-Folji tax-Xogħol meħtieġa* | | | | |
| 26 | % ta' miżuri Tekniċi biex titnaqqas il-ġenerazzjoni/tixrid tas-silika kristallina Respirabbli<br>*Linja 15 diviża b'linja 4b; dan jagħti l-% ta' Siti fejn il-miżura speċifika qed tiġi adottata* | | | | |
| 27 | % ta' miżuri Organizzazzjonali<br>*Linja 16 diviża b'linja 4b; dan jagħti l-% ta' Siti fejn il-miżura speċifika qed tiġi adottata* | | | | |
| 28 | % tad-Distribuzzjoni u l-użu ta' Tagħmir Protettiv Personali, fejn meħtie ġ<br>*Linja 17 diviża b'linja 4b; dan jagħti l-% ta' Siti fejn il-miżura speċifika qed tiġi adottata* | | | | |

## Noti Importanti

Daħħal kwalunkwe kumment rilevanti dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim fil-livell tal-Pajjiż (eż. enfasizza affarijiet pożittivi jew dawk mhux sodisfa ċenti li twettqu, ħabbar programmi ta' titjib għal futur, iddeskrivi pratti ċi ġodda tajbin li ġew adottati …….)

**Isem:**
**Pożizzjoni:**
**Data:** __ / __ / ____ **Firma**

(1) Il-proċedura ta' l-Evalwazzjoni tar-Riskju tinsab f' *Anness 1 - Prattiċi Tajbin* mal-Ftehim (Gwida ta' Pratti ċi Tajbin, Parti I, Kapitlu 4)
(2) Irreferi għal *Anness 2 - Protokoll tal-Monitora ġġ tat-Trab* mal-Ftehim
(3) Irreferi għal *Anness 8 - Protokoll tas-Sorveljanza tas-Sa ħħa għas-Silikosi* mal-Ftehim
(4) Prinċipji ġenerali dwar il-prevenzjoni huma murija f' *Anness 1 - Prattiċi Tajbin* mal-Ftehim (Gwida ta' Pratti ċi Tajbin, Parti I, elementi essenzjali tas-Silika Kristallina Respirabbli)
(5) Il-Prattiċi Tajbin huma murija f' *Anness 1 - Prattiċi Tajbin* mal-Ftehim (Gwida ta' Pratti ċi Tajbin, Parti II, Folji tax-Xogħol Ġenerali u Speċifiċi)
(6) Lista tax-xogħol dwar il-PPE tinsab f' *Anness 1 - Prattiċi Tajbin* mal-Ftehim (Gwida ta' Pratti ċi Tajbin, Parti II, Lista tax-xogħol 2.1.15)

Pubblikat fil-25 t' Ottubru,2006
Il-versjoni Ingliza hija awtorevoli - L-aktar traduzzjoni ricenti hija accessibbli fuq il-website tan-NEPSI www.nepsi.eu

| Ftehim dwar il-Protezzjoni tas-Saħħa tal-Ħaddiema permezz ta' l-Immaniġġjar u l-Użu Tajjeb tas-Silika Kristallina u Prodotti li Jinkluduha<br>**Format tar-Rappurtaġġ** | **Livell tas-Settur** |
|---|---|

| **Data ta' l-aħħar aġġornament** | |
|---|---|

## Informazzjoni Ġenerali tas-Settur (Assoċjazzjoni UE25)

| | | 2006-2007 | 2008-2009 | 2010-2011 | 2012-2013 |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Assoċjazzjoni | | | | |
| | *Isem ta' l-Assoċjazzjoni* | | | | |
| 2a | Numru ta' Pajjiżi | | | | |
| | *Daħħal in-numru ta' Pajjiżi rrappreżentati mill-Asso ċjazzjoni* | | | | |
| 2b | Numru ta' Pajjiżi rrappurtati | | | | |
| | *Għodd linja 2 - Livell tal-Pajjiż* | | | | |
| **2c** | **% ta' Pajjiżi Rrappurtati** | | | | |
| | *Linja 2b diviża b'linja 2a; dan jagħti l-% ta' l-implimentazzjoni tar-Rappurta ġġ f'termini ta' pajjiżi* | | | | |
| 3 | Settur | | | | |
| 4a | Numru ta' Siti | | | | |
| | *Total ta' linja 4a - Livell tal-Pajjiż* | | | | |
| 4b | Numru ta' Siti Rrappurtati | | | | |
| | *Total ta' linja 4b - Livell tal-Pajjiż* | | | | |
| **4c** | **% ta' Siti Rrappurtati** | | | | |
| | *Linja 4b diviża b'linja 4a; dan jagħti l-% ta' l-implimentazzjoni tar-Rappurta ġġ f'termini tan-numru ta' Siti* | | | | |
| 5a | Numru ta' Ħaddiema | | | | |
| | *Total ta' linja 5a - Livell tal-Pajjiż* | | | | |
| 5b | Numru ta' Ħaddiema Rrappurtati | | | | |
| | *Total ta' linja 5b - Livell tal-Pajjiż* | | | | |
| **5c** | **% ta' Ħaddiema Rrappurtati** | | | | |
| | *Linja 5b diviża b'linja 5a; dan jagħti l-% ta' l-implimentazzjoni tar-Rappurta ġġ f'termini tan-numru ta' Ħaddiema* | | | | |

## Riskju ta' l-Espożizzjoni

| | | 2006-2007 | 2008-2009 | 2010-2011 | 2012-2013 |
|---|---|---|---|---|---|
| 7 | Numru ta' Ħaddiema potenzjalment esposti għas-silika kristallina Respirabbli | | | | |
| | *Total ta' linja 7 - Livell tal-Pajjiż* | | | | |

## Evalwazzjoni tar-Riskju u Monitoraġġ tat-Trab

| | | 2006-2007 | 2008-2009 | 2010-2011 | 2012-2013 |
|---|---|---|---|---|---|
| 8 | Numru ta' Ħaddiema koperti mill-evalwazzjoni tar-riskju (1) | | | | |
| | *Total ta' linja 8 - Livell tal-Pajjiż* | | | | |
| 9 | Numru ta' Ħaddiema koperti mill-monitora ġġ ta' l-espożizzjoni (2) | | | | |
| | *Total ta' linja 9 - Livell tal-Pajjiż* | | | | |
| 10 | Numru ta' Ħaddiema bl-evalwazzjoni tar-riskju li jeħtieġu l-Protokoll tas-Sorveljanza tas-Saħħa għas-Silikosi (3) | | | | |
| | *Total ta' linja 10 - Livell tal-Pajjiż* | | | | |

## Sorveljanza tas-Saħħa

| | | 2006-2007 | 2008-2009 | 2010-2011 | 2012-2013 |
|---|---|---|---|---|---|
| 11 | Numru ta' Ħaddiema koperti minn Protokoll tas-sorveljanza tas-saħħa ġeneriku | | | | |
| | *Total ta' linja 11 - Livell tal-Pajjiż* | | | | |
| 12 | Numru ta' Ħaddiema koperti minn Protokoll tas-Sorveljanza tas-Saħħa għas-Silikosi | | | | |
| | *Total ta' linja 12 - Livell tal-Pajjiż* | | | | |

## Taħriġ

| | | 2006-2007 | 2008-2009 | 2010-2011 | 2012-2013 |
|---|---|---|---|---|---|
| 13 | Numru ta' Ħaddiema koperti mit-tagħrif, struzzjoni u taħri ġ dwar il-Prinċipji Ġenerali (4) | | | | |
| | *Total ta' linja 13 - Livell tal-Pajjiż* | | | | |
| 14 | Numru ta' Ħaddiema koperti mit-tagħrif, struzzjoni u taħri ġ dwar il-Folji tax-Xogħol (5) | | | | |
| | *Total ta' linja 14 - Livell tal-Pajjiż* | | | | |

## Prattiċi Tajbin

| | | 2006-2007 | 2008-2009 | 2010-2011 | 2012-2013 |
|---|---|---|---|---|---|
| 15 | Miżuri tekniċi biex titnaqqas il-ġenerazzjoni/tixrid tas-silika kristallina Respirabbli | | | | |
| | *Total ta' linja 15 - Livell tal-Pajjiż* | | | | |
| 16 | Miżuri organizzazzjonali | | | | |
| | *Total ta' linja 16 - Livell tal-Pajjiż* | | | | |
| 17 | Distribuzzjoni u użu ta' Tagħmir Protettiv Personali, fejn meħtie ġ (6) | | | | |
| | *Total ta' linja 17 - Livell tal-Pajjiż* | | | | |

## Indikaturi Importanti tal-Prestazzjoni

| | | 2006-2007 | 2008-2009 | 2010-2011 | 2012-2013 |
|---|---|---|---|---|---|
| 18 | % ta' Ħaddiema potenzjalment esposti għas-silika kristallina Respirabbli | | | | |
| | *Linja 7 diviża b'linja 5b; dan jagħti l-% tat-total ta' Ħaddiema li qed jaħdmu f'kuntatt ma' materjali li potenzjalment qed ji ġġeneraw silika kristallina Respirabbli* | | | | |
| 19 | *% koperti bl-evalwazzjoni tar-riskju* | | | | |
| | *Linja 8 diviża b'linja 7; dan jagħti l-% ta' implimentazzjoni tal-pro ċedura ta' l-evalwazzjoni tar-riskju* | | | | |
| 20 | *% koperti mill-monitoraġġ ta' l-espożizzjoni* | | | | |
| | *Linja 9 diviża b'linja 7; dan jagħti l-% ta' implimentazzjoni tal-protokoll tal-monitora ġġ tat-trab* | | | | |
| 21 | *% bl-evalwazzjoni tar-riskju li jeħtieġu l-Protokoll tas-Sorveljanza tas-Saħħa għas-Silikosi* | | | | |
| | *Linja 10 diviża b'linja 7; dan jagħti l-% ta' Ħaddiema b'espożizzjoni potenzjalment għolja* | | | | |
| 22 | *% koperti minn sorveljanza tas-saħħa ġenerika* | | | | |
| | *Linja 11 diviża b'linja 7; dan jagħti f'%, l-impenn tal-Kumpanija lejn il-monitora ġġ tas-saħħa jew il-konformità mal-liġijiet nazzjonali* | | | | |
| 23 | *% koperti mill-Protokoll tas-Sorveljanza tas-Saħħa għas-Silikosi* | | | | |
| | *Linja 12 diviża b'linja 10; dan jagħti l-% ta' implimentazzjoni tal-Protokoll tas-Sorveljanza tas-Saħħa għas-Silikosi spe ċifiku* | | | | |
| 24 | *% koperti mit-tagħrif, struzzjoni u taħriġ dwar il-Prinċipji Ġenerali* | | | | |
| | *Linja 13 diviża b'linja 7; dan jagħti l-% ta' implimentazzjoni tat-tixrid tal-Prin ċipji Ġenerali* | | | | |
| 25 | *% koperti mit-tagħrif, struzzjoni u taħriġ dwar il-Folji tax-Xogħol* | | | | |
| | *Linja 14 diviża b'linja 7; dan jagħti l-% ta' implimentazzjoni tal-Folji tax-Xogħol meħtie ġa* | | | | |
| 26 | % ta' miżuri Tekniċi biex titnaqqas il-ġenerazzjoni/tixrid tas-silika kristallina Respirabbli | | | | |
| | *Linja 15 diviża b'linja 4b; dan jagħti l-% ta' Siti fejn il-miżura spe ċifika qed tiġi adottata* | | | | |
| 27 | % ta' miżuri Organizzazzjonali | | | | |
| | *Linja 16 diviża b'linja 4b; dan jagħti l-% ta' Siti fejn il-miżura spe ċifika qed tiġi adottata* | | | | |
| 28 | % tad-Distribuzzjoni u l-użu ta' Tagħmir Protettiv Personali, fejn meħtie ġ | | | | |
| | *Linja 17 diviża b'linja 4b; dan jagħti l-% ta' Siti fejn il-miżura spe ċifika qed tiġi adottata* | | | | |

## Noti Importanti

Daħħal kwalunkwe kumment rilevanti dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim fil-livell tas-Settur (eż. enfasizza affarijiet pożittivi jew dawk mhux sodisfa ċenti li twettqu, ħabbar programmi ta' titjib għal futur, iddeskrivi pratti ċi ġodda tajbin li ġew adottati …….)

**Isem:**
**Pożizzjoni:**
**Data:** __ / __ / ____ **Firma**

(1) Il-proċedura ta' l-Evalwazzjoni tar-Riskju tinsab f'*Anness 1 - Prattiċi Tajbin* mal-Ftehim (Gwida ta' Pratti ċi Tajbin, Parti I, Kapitlu 4)
(2) Irreferi għal *Anness 2 - Protokoll tal-Monitoraġġ tat-Trab* mal-Ftehim
(3) Irreferi għal *Anness 8 - Protokoll tas-Sorveljanza tas-Saħħa għas-Silikosi* mal-Ftehim
(4) Prinċipji ġenerali dwar il-prevenzjoni huma murija f' *Anness 1 - Prattiċi Tajbin* mal-Ftehim (Gwida ta' Pratti ċi Tajbin, Parti I, elementi essenzjali tas-Silika Kristallina Respirabbli)
(5) Il-Pratti ċi Tajbin huma murija f' *Anness 1 - Prattiċi Tajbin* mal-Ftehim (Gwida ta' Pratti ċi Tajbin, Parti II, Folji tax-Xogħol Ġenerali u Speċifiċi)
(6) Lista tax-xogħol dwar il-PPE tinsab f'*Anness 1 - Prattiċi Tajbin* mal-Ftehim (Gwida ta' Pratti ċi Tajbin, Parti II, Lista tax-xogħol 2.1.15)

## Anness 4 - Lista ta' Proġetti ta' Riċerka

**Proġetti ta' riċerka tal-passat:**

Scientific opinion on the health effects of airborne Crystalline Silica, IOM report, 1996.

The quartz hazard: a variable entity, K Donaldson & PJA Borm, Amer. J. Occup. Hyg. 42 (5), 287-294, 1998.

Evaluation & comparison of personal dust & quartz exposure, measurements from the UK & German silica producers industry, IOM report to client, 1998.

Epidemiological evidence on the carcinogenicity of silica: factors in scientific judgments, C. Soutar et al, Amer. J. Occup. Hyg. 44 (1) 3-14, 2000.

Inflammatory effects of respirable quartz collected in workplaces versus DQ12 quartz: Particle surface correlates, A. Clouter et al, Toxicol. Sc. 63, 90-98, 2001.

In vitro genotoxicity assessment of commercial quartz flours in comparison to standard DQ12 quartz, G. Cakmak et al, Int. J. Hyg. Environm. Health, 207 (2004); 105-113.

Different toxic, fibrogenic and mutagenic effects of four commercial quartz flours in the rat lung, F. Seiler et al, Int. J. Hyg. Environm. Health, 207 (2004); 115-124.

Determining significant variance of biological activity between different respirable quartz flours by a vector model, J. Bruch et al, Int. J. Environm. Health (accepted).

Relationships between the state of the surface of four commercial quartz flours and their biological activity in vitro and in vivo, B. Fubini et al, Int. J. Hyg. Environm. Health, 207 (2004); 89-104.

Mortality in the UK Industrial Sand Industry: 1. Exposure Assessment and 2. Mortality, T.P. Brown and L. Rushton, accepted for publication in Occupational and Environmental Medicine Journal (OEMJ) in 2005.



Pubblikat fil-25 t' Ottubru,2006
Il-versjoni Ingliza hija awtorevoli - L-aktar traduzzjoni ricenti hija accessibbli fuq il-website tan-NEPSI www.nepsi.eu

## Anness 5 -Deskrizzjonijiet ta' l-Industriji

### Blat Mhux Maħdum

Blat mhux maħdum hu materjal granulari użat fil-kostruzzjoni. Kważi 3 biljun tunnellata ta' blat mhux maħdum huma prodotti kull sena fl-Ewropa. Madankollu, il-maġġoranza ta' l-operaturi fis-settur huma intrapriżi ta' daqs żgħir u medju. Sit żgħir tipiku jipprovdi impjieg dirett għal minn 7 sa 10 persuni. L-industrija tal-blat mhux maħdum tikkonsisti f'madwar 25,000 sit fejn issir l-estrazzjoni madwar l-Ewropa, b'250,000 ħaddiem fl-UE.

L-iktar blat mhux maħdum naturali komuni huma r-ramel, iż-żrar u blat imfarrak b'firxa wiesgħa ta' kontenut ħieles mis-silika (minn 0% sa 100%). Suġġetti għall-evalwazzjonijiet tar-riskju individwali li jridu jitwettqu taħt dan il-Ftehim, id-depożiti li fihom kontenut għoli ta' silika biss huma rilevanti. Iżda anki f'każijiet bħal dawn, ir-riskji ta' l-espożizzjoni għas-silika kristallina Respirabbli għal ħaddiema huma normalment baxxi. Blat mhux maħdum prodott minn blat li fih perċentwali żgħira ta' silika x'aktarx li hu, mingħajr preġudizzju għall-evalwazzjoni tar-riskju individwali, negliġibbli f'termini ta' l-impatt tiegħu fuq is-saħħa tal-ħaddiem.

### L-Industrija taċ-Ċeramika

L-industrija taċ-ċeramika tuża s-silika prinċipalment bħala ingredjent strutturali ta' korpi tat-tafal u bħala komponent maġġuri ta' glejżis taċ-ċeramika. Il-prodotti ewlenin taċ-ċeramika li fihom is-silika jinkludu reċipjenti ta' fuq il-mejda u oġġetti ornamentali, oġġetti tal-banju u madum ta' l-art, briks u madum tal-bjut, refrattarji, eċċ.

Madwar 2,000 kumpanija jipproduċu ċ-ċeramika fl-UE. In-numru ta' ħaddiema fl-industrija taċ-ċeramika fl-UE hu stmat li hu ta' madwar 234,000. L-industrija taċ-ċeramika hi preżenti fi kważi l-Istati Membri kollha ta' l-UE.

### Funderiji

Il-prodotti ta' l-industrija tal-funderija huma tal-ħadid, azzar jew *castings* tal-metallli ma fihomx ħadid, prodotti billi metall maħlul jitferra' f'forom li tipikament huma magħmulin (kollha jew partijiet minnhom) minn ramel tas-silika magħqud. L-industrija tal-funderija hi fornitur importanti għall-industrija tal-karozzi, ta' l-inġinerija mekkanika u industriji oħrajn. Hi fergħa ta' kumpaniji ta' daqs żgħir u medju fil-biċċa l-kbira tagħhom: madwar 4,000 funderija bi 300,000 ħaddiem jinsabu fl-Istati Membri ta' l-UE.

### L-Industrija tal-Ħġieġ

Id-dijossidu tas-silikon hu l-ossidu prinċipali li jifforma l-ħġieġ u għalhekk, ir-ramel tas-silika hu l-ingredjent ewlieni fit-tipi kollha ta' ħġieġ. Il-prodotti ewlenin tal-ħġieġ jinkludu kontenituri tal-ħġieġ (fliexken, vażetti, eċċ.), ħġieġ lixx (għal bini, mirja, karozzi, eċċ.), ħġieġ domestiku (reċipjenti ta' fuq il-mejda: tazzi, skutelli; dekorazzjonijiet, eċċ.), fibra tal-ħġieġ (għat-tisħiħ, insulazzjoni) u ħġieġ speċjali (għat-TV, laboratorji, ottika, eċċ.).

Iktar minn 1,000 kumpanija jipproduċu l-ħġieġ fl-UE. L-industrija tal-ħġieġ hi preżenti fil-pajjiżi kollha Ewropej u tħaddem iktar minn 230,000 ruħ fl-UE.

Wara li materjal mhux maħdum jinħall, ma jkunx hemm silika kristallina iżjed. Il-ħġieġ hu materjal amorfu.

### Industriji tal-Minerali Industrijali u Minerali Metalliferi

Minerali Industrijali:



Pubblikat fil-25 t' Ottubru,2006
Il-versjoni Ingliza hija awtorevoli - L-aktar traduzzjoni ricenti hija accessibbli fuq il-website tan-NEPSI www.nepsi.eu

Numru ta' prodotti ta' minerali industrijali huma magħmulin mis-silika. Is-silika tinsab komunement fl-istat kristallin iżda tinsab ukoll fl-istat amorfu (mhux kristallin). Is-silika kristallina hi iebsa, kimikament inerti u għandha temperatura li fiha tinħall għolja. Dawn huma kwalitajiet prezzjużi fl'uzu differenti industrijali, prinċipalment fl-industriji tal-ħġieġ, tal-funderija, tal-kostruzzjoni, taċ-ċeramika u tal-kimika. 145 miljun tunnellata ta' minerali industrijali (eż. bentonite, *borate*, karbonat tal-kalċju, dijatomite, feldspar, ġibs, kawlina u tafal tal-plastik, talkum, eċċ.) jiġu estratti kull sena fl-Ewropa. Għalkemm mhux kollha, il-minerali industrijali jista' jkun fihom ammonti varjabbli ta' silika kristallina.

Dawk il-minerali industrijali huma prodotti minn 300 kumpanija jew gruppi li joperaw madwar 810 mina u barriera u 830 impjanti fi 18-il Stat membru ta' l-UE, u fl-Isvizzera, in-Norveġja, it-Turkija, il-Bulgarija, ir-Rumanija u l-Kroazja. L-industrija tal-minerali industrijali timpjega madwar 100,000 persuna fl-UE.

Blat li fih metall mhux maħdum:

Firxa wiesgħa ta' blat li fih metall mhux maħdum hu estratti fl-UE u għal xi wħud, bħal merkurju, fidda, ċomb, tangstin, żingu, kromju, ram, ħadid, deheb, kobalt, boksajt, antimonju, manganiż, nikil, titanju, l-UE hi produttur relattivament sinifikanti. F'xi każijiet, il-produttur Ewropej jiġu kklassifikati fost l-ewwel 10 produtturi fid-dinja.

Blat li fih metall mhux maħdum hu prodott fi 12-il Stat Membru ta' l-UE kif ukoll fin-Norveġja, it-Turkija, il-Bulgarija, ir-Rumanija, il-Kosovo u s-Serbja. Fl-UE, din it-taqsima ta' l-industrija ta' l-estrazzjoni mill-minjieri u tal-minerali timpjega direttament madwar 23,000 ruħ.

Għalkemm mhux kollu, il-blat li fih metall mhux maħdum jista' jkun fih ammonti varjabbli ta' silika kristallina.

**L-Industrija tas-Siment**

Is-siment hu sustanza li tikkonsisti fi trab, użat prinċipalment bħala sustanza li twaħħal fil-manifattura tal-konkos. Jiġi prodott permezz ta' diversi stadji, li bażikament jikkonsistu f'dawn iż-żewġ fażijiet essenzjali li ġejjin:

- il-manifattura ta' prodott semi-lest, imsejjaħ "gagazza", miksub mill-kalċinazzjoni f'kalkara b'temperatura għolja (1,450°C) ta' "taħlita mhux maħduma" magħmula minn taħlita ta' tafal, franka, u ħafna addittivi oħrajn.

- il-manifattura tas-siment bħala prodott lest, miksub mit-taħlita omoġenja ta' gagazza mitħuna u sulfat tal-kalċju (ġibs) bi jew mingħajr - jiddependi fuq it-tip ta' siment - wieħed jew aktar komponenti addizzjonali: gagazza, irmied, pozzolana, franka, eċċ.

Fl-2004, il-produzzjoni tas-siment tal-25 Stati Membri kurrenti ta' l-UE laħqet il-233 miljun tunnellata, madwar 11% tal-produzzjoni totali dinjija (2.1 biljun tunnellata).

Hemm kważi 340 impjant fl-UE. Erba' mill-ħames l-ikbar kumpaniji tas-siment fid-dinja huma Ewropej. L-industrija tas-siment timpjega madwar 55,000 ruħ fl-UE.

**Suf Minerali**

Is-suf minerali għandu medda unika ta' proprjetajiet, li jikkombinaw reżistenza termali għolja ma' stabbiltà fit-tul. Hu magħmul minn ħġieġ, ġebel jew gagazza maħlulin li jinbarmu fi struttura qisha tal-fibra li toħloq kumbinazzjoni ta' proprjetajiet termali li huma essenzjali għall-insulazzjoni akustika, kif ukoll protezzjoni kontra n-nar għal bini domestiku u kummerċjali jew faċilitajiet industrijali.

Dawn il-proprjetajiet jinħolqu mill-istruttura tiegħu, tapit ta' fibri li ma jippermettix il-moviment ta' l-arja, u mill-kompożizzjoni kimika tiegħu.



Pubblikat fil-25 t' Ottubru,2006
Il-versjoni Ingliza hija awtorevoli - L-aktar traduzzjoni ricenti hija accessibbli fuq il-website tan-NEPSI www.nepsi.eu

Il-manifatturi ta' l-insulazzjoni qed jiżviluppaw biex jissodisfaw l-interess ambjentali dejjem jikber tas-soċjetà, billi jtejbu l-istandards u r-regolamenti għall-użu ta' materjali ta' l-insulazzjoni.

Fost is-suf minerali, il-suf tal-ħġieġ biss hu ta' tħassib fir-rigward tas-silika kristallina, minħabba li s-suf tal-ħġieġ hu mmanifatturat bl-użu tar-ramel, filwaqt li s-suf tal-ġebel mhux. Wara li materjal mhux maħdum jinħall għas-suf tal-ħġieġ, ma jkunx hemm silika kristallina iżjed, għax din issir materjal amorfu.

L-industrija tas-suf minerali hi preżenti fil-pajjiżi kollha Ewropej u tħaddem iktar minn 20,000 ruħ madwar l-Ewropa.

### L-Industrija tal-Ġebla Naturali

Il-ġebla tad-dimensjoni teżisti fin-natura bħala materjal tal-bini kważi lest. Madankollu, ftit jirrealizzaw li dan il-materjal jieħu miljuni ta' snin biex jasal sal-punt li fih ikun jista' jiġi prodott u ppproċessat faċilment.

L-industrija tikkonsisti biss minn kumpaniji ta' daqs żgħir u medju ta' bejn 5 sa 100 ħaddiem u hi fornitur essenzjali ta' l-industrija tal-bini. Iktar minn 40,000 kumpanija jeżistu fl-UE, u dawn jimpjegaw madwar 420,000 persuna fl-UE. Ix-xogħol bil-ġebel naturali mhux biss ikopri l-produzzjoni tal-ġebel fil-barrieri; ferm iktar importanti hu l-ipproċessar tal-ġebel u l-implimentazzjoni tal-ġebel. L-applikazzjonijiet tar-restorazzjoni u dawk b'teknoloġija għolja jeħtieġu edukazzjoni u taħriġ ikkwalifikati li jibdew bil-ħaddiema tal-ġebel sa inġiniera b'teknoloġija għolja tal-ġebel.

### L-Industrija tal-Mortar

*Mortar* hu definit bħala taħlita ta' blat mhux maħdum, ġeneralment b'daqs tal-frak ta' inqas minn 4mm (kultant inqas minn 8mm, eż. *mortar* għal *decorative renders* speċjali jew *floor screed mortar*) u wieħed jew jew iktar *binders* u possibbilment addittivi u/jew taħlitiet addizzjonali.

Mortar b'*binders* inorganiċi fih l-ilma wkoll. L-applikazzjoni u l-użu tal-*mortar* mhix limitata għal kostruzzjonijiet tal-ġebel biss. Il-qasam tal-*floor screed mortar* qed jikber. Hemm ħafna tipi speċjali ta' *mortar* li jintużaw għal tiswija tal-konkos, għat-twaħħil tal-madum, għas-soqfa, biex jiġu ankrati l-viti u għal ħafna applikazzjonijiet oħrajn.

Flimkien ma' dan, l-*external thermal insulating composite systems* (ETICS) huma wkoll prodott ta' l-industrija tal-*mortar*, u għandhom funzjoni importanti fil-miżuri ta' l-iffrankar ta' l-enerġija. Iktar minn 1,300 kumpanija jipproduċu l-*mortar* fl-UE. L-industrija tal-*mortar* fl-UE għandha iktar minn 34,400 ħaddiem.

### L-Industrija tal-Konkos Precast

Konkos *precast* hu materjal tal-bini magħmul fil-fabbrika li jintuża ħafna madwar id-dinja u hu disponibbli fid-daqsijiet u l-forom kollha, minn unitajiet żgħar ħafna għall-iċċangar sa elementi tal-pontijiet li huma itwal minn 50 metru.

Il-proċess tal-produzzjoni jikkonsisiti fit-taħlit tas-siment, blat mhux maħdum, ilma, addittivi u taħlit f'porzjonijiet differenti, billi jitferrgħu fil-forom u jitħallew jibbiesu. Il-prodotti huma fornuti lis-suq fi stat iebes u ħieles mit-trab. Il-ħolqien tat-trab iseħħ prinċipalment fl-immaniġġjar tal-materjal mhux maħdum u fit-trattamenti mekkaniċi ta' wara l-produzzjoni.

L-industrija tikkonsisti f'intrapriżi ta' daqs minn żgħir sa medju, mifruxin ma' l-Ewropa kollha. L-istima tal-figuri għall-UE huma: 10,000 unitajiet tal-produzzjoni, 250,000 ħaddiem u 300 sa 400 miljun tunnellata ta' prodotti.



Pubblikat fil-25 t' Ottubru,2006
Il-versjoni Ingliza hija awtorevoli - L-aktar traduzzjoni ricenti hija accessibbli fuq il-website tan-NEPSI www.nepsi.eu

## Anness 6 - Il-Kunsill – Is-Segretarjat

**Artikolu 1 - Skop**

Il-Kunsill ser ikun jieħu ħsieb tax-xogħlijiet assenjati lilu taħt Artikolu 8 tal-Ftehim. Madankollu, ix-xogħlijiet elenkati f'Artikolu 8 (2) (b) u (d) tal-Ftehim għandha tkun il-kompetenza esklussiva u konġunta ta' erba' *Chairpersons* magħżula b'konformità ma' Artikolu 3 hawn taħt.

**Artikolu 2 – Laqgħat / Deċiżjonijiet**

(1) Il-Kunsill għandu jiltaqa' mill-inqas darba kull sentejn għall-jumejn, matul it-tieni nofs ta' Ġunju tas-sena rispettivi fi Brussell. Is-Segretarjat ser jipprovdi appoġġ logistiku u segretarjali għal din il-laqgħa u ser jorganizza u jsejjaħ din il-laqgħa.

(2) Il-Membri ser jirċievu r-rapporti kkonsolidati tal-Partijiet ta' Min Iħaddem 20 jum ta' xogħol qabel l-ewwel jum tal-laqgħa rispettiva għal preparazzjoni tal-laqgħa. Matul il-laqgħa ta' jumejn, il-Membri għandhom jippreparaw u jabbozzaw ir-Rapport tas-Sommarju kif meħtieġ minn Artikolu 8 (2) tal-Ftehim. Dikjarazzjonijiet u opinjonijiet tal-minorità għandhom jiġi rrekordjati f'Appendiċi iżda għandhom jinżammu l-inqas kemm jista' jkun.

(3) Iż-żewġ Ko-*Chairpersons* magħżula taħt Artikolu 3 hawn taħt jistgħu b'mod konġunt jiddeċiedu li jorganizzaw laqgħat iktar ta' spiss jekk jiddeċiedu li dan ikun meħtieġ.

(4) Il-Membri jistgħu joħorġu *proxies* lill-Membri jew Membri Alternati oħrajn.

**Artikolu 3 - Chairpersons**

The Kunsill ser ikun ippresedut minn żewġ *Co-Chairpersons*, u żewġ Ko-Viċi-*chairpersons*, kull wieħed appuntat mill-Partijiet li jirrappreżentaw lill-Ħaddiema u lil Min Iħaddem għal termini ta' erba' snin, għall-ewwel darba fid-data meta jsir l-iffirmar ta' dan il-Ftehim.

**Artikolu 4 - Minuti, Rekords**

(1) Għandhom jinżammu l-minuti tal-laqgħat tal-Kunsill. Il-minuti għandhom jiġu pprovduti lill-Partijiet fi żmien ġimagħtejn wara l-laqgħa rispettiva. Ħlief jekk il-Membri joġġezzjonaw għall-minuti fi żmien ġimgħa addizzjonali, il-minuti għandhom jiġu kkunsidrati bħala finali.

(2) Is-Segretarjat jew terza parti appuntata minnu għandha żżomm ir-rekords kollha fir-rigward tal-Kunsill.

**Artikolu 5 – Spejjeż tal-Kunsill / Segretarjat**

L-ispejjeż kollha komuni, raġonevoli u ġġustifikati li jsiru mill-operat tal-Kunsill (kamra tal-laqgħat, interpretatazzjoni simultanja FR / EN / DE, minbarra l-ivvjaġġar u alloġġ individwali) u mis-Segretarjat għandhom jinqasmu indaqs bejn il-Partijiet li jirrappreżentaw lil Min Iħaddem.

**Artikolu 6 - Obbligazzjoni, Indennizz**

(1) Is-sħubija fil-Kunsill hi għan-nom tal-Partijiet irrappreżentati, u għalhekk il-Membri u l-Membri Alternati ma jistgħux jinżammu individwalment u direttament responsabbli għad-dmirijiet ta' l-isħubija tagħhom.

(2) Il-Partijiet għandhom b'mod konġunt u severament jiggarantixxu u jżommu bla ħsara lill-Membri, Membri Alternati, u s-suċċessuri tagħhom minn u kontra kwalunkwe, u l-pretensjonijiet, il-miżati, l-ispejjeż, l-obbligi u l-ħsarat kollha (li jinkudu l-miżati raġonevoli



Pubblikat fil-25 t' Ottubru,2006
Il-versjoni Ingliza hija awtorevoli - L-aktar traduzzjoni ricenti hija accessibbli fuq il-website tan-NEPSI www.nepsi.eu

ta' l-avukati) li jkunu saru jew ġew imposti fuqhom b'mod raġonevoli b'konnessjoni ma', jew li jirriżultaw minn kwalunkwe azzjoni, kawża, proċedura jew pretensjoni li tagħha kienu saru Parti jew li jistgħu jiġu involuti fir-rigward ta', jew bħala riżultat tas-sħubija tagħhom fil-Kunsill, ħlief jekk l-azzjoni, il-kawża, proċedura jew pretensjoni kienu kkawżati minn abbuż ta' awtorità jew għemil illegali volontarju fil-qadi ta' dmirijiethom.

**Artikolu 7 – Notifikazzjonijiet / Lingwa**

In-notifikazzjonijiet, il-ġbir u t-tixrid tad-dokumenti taħt Anness 6 għandu jsir permezz ta' l-*email*. Il-komunikazzjonijiet minn u lill-Kunsill għadhom jintbagħtu permezz ta' l-indirizzi ta' l-*email* tas-Segretarjat. In-notifikazzjonijiet, il-komunikazzjonijiet u l-laqgħat kollha għandhom isiru bil-lingwa Ingliża.



Pubblikat fil-25 t' Ottubru,2006
Il-versjoni Ingliza hija awtorevoli - L-aktar traduzzjoni ricenti hija accessibbli fuq il-website tan-NEPSI www.nepsi.eu

## Anness 7 - Proċedura għall-Adattament tal-Prattiċi Tajbin

B'konformità ma' Artikolu 1, it-Tielet *Indent* tal-Ftehim, il-Ftehim għandu l-għan, fost l-oħrajn, li jkattar l-għarfien dwar il-Prattiċi Tajbin. B'konformità ma' din in-natura 'dinamika' tal-Prattiċi Tajbin u b'konformità ma' Artikolu 5 (3) tal-Ftehim, dan l-Anness jipprovdi l-proċedura li trid tiġi segwita għal adattament tal-Prattiċi Tajbin.

**Artikolu 1 – Sottomissjoni ta' Listi tax-Xogħol Ġodda jew Riveduti lill-Partijiet**

Min Iħaddem u l-Ħaddiema huma inkoraġġiti, fi kwalunkwe żmien kemm idum validu l-Ftehim, li jissottomettu lill-Parti li biha huma rrappreżentati (il-Parti Li Qed Tintroduċi), abbozz ta' Listi tax-Xogħol ġodda, eżistenti jew riveduti (minn hawn 'il quddiem it-tnejn imsejħa 'Listi tax-Xogħol Ġodda'), akkompanjati, fil-każ ta' abbozz ta' Listi tax-Xogħol riveduti eżistenti, permezz ta' spjegazzjoni bil-miktub u ġustifikazzjoni ta' għaliex u kif dan l-abbozz ta' Listi tax-Xogħol riveduti eżistenti jikkostitwixxu titjib fil-protezzjoni tal-ħaddiema jew iwettqu l-istess protezzjoni permezz ta' prattiċi u tekniċi alternattivi meta mqabbla mal-Listi tax-Xogħol eżistenti. Il-Parti Li Qed Tintroduċi għandha tevalwa, u tista' tappoġġja, Listi tax-Xogħol Ġodda bħal dawn.

**Artikolu 2 – Ftehim ta' Listi tax-Xogħol Ġodda mill-Kontroparti ta' l-Industrija (Parti '*Mirroring*')**

B'konformità ma' li esprimiet l-appoġġ tagħha taħt Artikolu 1 hawn fuq, il-Parti Li Qed Tintroduċi għandha tissottometti l-Listi tax-Xogħol Ġodda appoġġjati lill-kontroparti tagħhom ta' l-industrija għad-diskussjoni u l-approvazzjoni. Hi r-responsabbiltà tal-Partijiet *Mirroring* rispettivi li jorganizzaw l-iskambju ta' l-opinjonijiet tagħhom fuq, u l-approvazzjoni, tal-Listi tax-Xogħol Ġodda. Ġaladaba approvati miż-żewġ partijiet ta' l-industrija, il-Listi tax-Xogħol Ġodda għandhom jiġu sottomessi lill-Kunsill (Artikolu 8 (2) tal-Ftehim).

**Artikolu 3 – Adozzjoni mill-Kunsill**

Il-Kunsill hu responsabbli għall-evalwazzjoni finali u l-adozzjoni tal-Listi tax-Xogħol Ġodda sabiex jiżgura li l-Listi tax-Xogħol Ġodda ma jiġux f'konflitt mal-Ftehim (li jinkludu Listi tax-Xogħol oħrajn, partijiet oħrajn tal-Prattiċi Tajbin, eċċ.). Dan jinkludi l-irtirar ta' Listi tax-Xogħol skaduti.

**Artikolu 4 – Validità ta' l-Adattamenti**

Wara l-adozzjoni ta' Artikolu 3, l-adattamenti kollha tal-Prattiċi Tajbin għandhom jiġu kkomunikati permezz ta' l-*email* jew Extranet lill-Partijiet l-oħrajn. Dawn għandhom ikunu validi għal tliet xhur wara l-kommunikazzjoni tagħhom, ħlief jekk data tal-validità oħra tiġi stipulata mill-Kunsill.

**Artikolu 5 – Frekwenza tal-Proċedura ta' l-Adattament**

Ta' min ifakkar li l-Kunsill ser jiltaqa' mill-inqas darba kull sentejn. Il-Partijiet huma għalhekk inkoraġġiti biex jiġbru t-talbiet ta' l-adattament tagħhom jekk dan ikun possibbli skond l-iskeda tal-laqgħa tal-Kunsill.



Pubblikat fil-25 t' Ottubru,2006
Il-versjoni Ingliza hija awtorevoli - L-aktar traduzzjoni ricenti hija accessibbli fuq il-website tan-NEPSI www.nepsi.eu

## Anness 8 - Protocoll tas-Sorveljanza tas-Saħħa għas-Silikosi

### LINJI GWIDI ĠENERALI

Min Iħaddem, qabel xejn irid iwettaq evalwazzjoni tar-riskju fuq il-post tax-xogħol kif deskritt fil-Gwida ta' Prattiċi Tajbin, biex jidentifikaw fejn il-Ħaddiema jistgħu jkunu f'riskju speċifiku minn perikli għas-saħħa marbuta mas-silika kristallina Respirabbli. L-implimentazzjoni tal-Protokoll tas-Sorveljanza tas-Saħħa ser tiddependi fuq ir-riżultati tar-riskju ta' l-evalwazzjoni.

Is-sorveljanza kollha tas-saħħa għandha titmexxa b'mod professjonali minn personal mediku kompetenti u b'konformità mal-ħtiġijiet leġislattivi nazzjonali kurrenti.
L-impjegat(i) jew konsulent mediku estern li jkun responsabbli għall-programm tas-sigurtà u s-saħħa għandu jkollu għarfien tax-xogħol ta' l-elementi tal-programm tas-sorveljanza medika respiratorja.

L-għanijiet tas-sorveljanza tas-saħħa marbuta mas-silika kristallina Respirabbli speċifika huma biex:

- Jiskopru minn kmieni l-effetti avversi fuq is-saħħa;
- Jistabbilixxu linja bażi li minnha jevalwaw it-tibdil li jista' jseħħ;
- Ma jħallux li ssir iktar ħsara.

Il-benefiċċji potenzjali huma:

- Li individwi affettwati jiġu identifikati;
- Jiġu identifikati kundizzjonijiet tax-xogħol potenzjalment perikolużi u tiġi ċċekkjata l-effettività tal-miżuri tal-kontroll fuq il-post tax-xogħol;
- Jiġi pprovdut *feedback* dwar l-eżattezza ta' l-evalwazzjoni tar-riskju;
- Tiġi żviluppata informazzjoni li fuqha jkunu jistgħu jiġu bbażati studji epidemjoloġiċi.

### RISKJI GĦAS-SAĦĦA RESPIRATORJA

Ir-riskju primarju tas-saħħa ta' l-espożizzjoni għat-trab li fih is-silika kristallina Respirabbli hi marda respiratorja msejħa **silikosi**. Dan hu għaliex hu essenzjali li wieħed jiffoka s-sorveljanza medika fuq il-pulmuni. Flimkien ma' dan, hemm xi evidenza li nies li jbatu mis-silikosi qegħdin f'riskju akbar li jiżviluppaw kanċer tal-pulmun. Nies li huma wkoll esposti għat-trab b'mod ġenerali, u dawk li jbatu minn mard respiratorju marbut mat-trab (pnewmokonijosi, silikosi, eċċ.) għandhom riskju akbar li jiżviluppaw it-tuberkulosi. Dan għandu jiġi kkunsidrat meta titwettaq is-sorveljanza medika.

### KONTENUT TAL-PROGRAMM TAS-SORVELJANZA MEDIKA RESPIRATORJA

#### 1) Il-programm tas-sorveljanza medika respiratorja għandu jinkludi dan li ġej:

- **Fajl mediku** jrid jiġi stabbilit għal kull Ħaddiem meta jiġi impjegat. Il-format attwali mhux importanti, iżda r-rekords jeħtieġ li jkunu aċċessibbli għal persuni professjonali mediċi awtorizzati, ikunu aġġornati, sikuri, illinkjati (eż. informazzjoni dwar l-espożizzjoni tat-trab), kunfidenzjali u jinżammu għal 40 sena wara t-tmiem ta' l-espożizzjoni.
  Din id-dokumentazzjoni għandha tinkludi, b'mod partikulari, b'konformità mal-leġislazzjoni nazzjonali, dawn l-elementi essenzjali li ġejjin:
  - o Informazzjoni dwar l-identifikazzjoni;
  - o Informazzjoni demografika utli oħra (storja personali u tal-familja);
  - o Profil tax-xogħol tal-ħaddiem;
  - o Storja ta' attivitajiet fuq il-post tax-xogħol u dawk ta' barra l-post tax-xogħol li jkunu fihom dettalji dwar l-espożizzjoni għal trab, kimiċi u sustanzi fiżiċi oħrajn (radjazzjoni) li huma potenzjalment ta' ħsara;



Pubblikat fil-25 t' Ottubru,2006
Il-versjoni Ingliza hija awtorevoli - L-aktar traduzzjoni ricenti hija accessibbli fuq il-website tan-NEPSI www.nepsi.eu

- Storja medika li tiffoka fuq il-preżenza ta' sintomi respiratorji (eż. sogħla, *sputum*, qtugħ ta' nifs, tħarħir);
- Tipjip (numru ta' sigaretti kuljum, tul ta' żmien…).

- **<u>Eżami mediku</u>** tat-toraċi. L-eżami għandu jinnota jekk l-osservazzjonijiet marbuta mas-sider humiex normali jew le (eż. simetrija, espansjoni, perkussjonijiet, ħsejjees tan-nifs, palpitazzjoni, tħarħir, ħsejjes tal-pulmun u *rubs*).

- **<u>Ittestjar funzjonali:</u>**

  - Għalkemm anormalitajiet murija permezz ta' l-ispirometrija jew testijiet tal-funzjoni pulmonari mhumiex speċifiċi (eż. it-tipjip hu fattur importanti li jikkawża problemi), l-ittestjar funzjonali respiratorju hu meqjus li hu komponent utli tal-programm tas-sorveljanza medika respiratorja għall-evalwazzjoni tal-linja bażi u monitoraġġ perjodiku. Dan jippermetti s-sejbien tat-telf tal-funzjoni pulmonari fl-istadju l-iktar bikri tiegħu.
  - Metodi standardizzati għall-ittestjar bl-ispirometrija u speċifikazzjonijiet tat-tagħmir kienu rrakkomandati minn assoċjazzjonijiet professjonali bħal *European Respiratory Society* (1993) u l-*American Thoracic Society* (1995).

- **<u>Eżami radjoloġiku</u>**: Li ssegwi t-tibdil radjoloġiku f'ħaddiema esposti għas-silika kristallina hu l-aktar mod sensittiv ta' sejbien bikri tas-silikosi. L-anormalitajiet normalment jintwerew b'mod radjografiku qabel it-telf tal-funzjoni pulmonari tkun tista' tinstab permezz ta' l-ispirometrija jew qabel ma s-sintomi jidhru. *X-rays* perjodiċi tas-sider huma għalhekk parti vitali tas-sorveljanza medika respiratorja.
  - *X-ray* sħiħa u postero-anterjuri (PA) tas-sider, preferibbilment miksuba bl-użu ta' teknika ta' kilo-vultaġġ għoli (formati iżgħar li jiġu minn tekniċi kompjuterizzati mhumiex adattati).
  - L-*X-rays* għandhom jinqraw minn persuni kkwalifikati u mħarrġa fil-qari ta' l-*X-Rays* jew minn pnewmoloġisti.
  - Linji gwida dwar it-tagħmir u t-tekniċi xierqa kienu ppubblikati b'mod estensiv. Aktar tagħrif dwar il-prattika kurrenti jista' jinkiseb mill-*International Labour Organization* (ILO), 1211 Geneva 22, Svizzera.
  - L-*X-rays* għandhom jiġu kklassifikati b'konformità mat-*2000 Guidelines for the Use of ILO International Classification of Radiographs of Pneumoconiosis*. L-implimentazzjoni u l-*follow-up* tal-linji gwida dwar it-tagħmir u t-tekniċi xierqa jistgħu jippermettu iktar tard, jekk ikun meħtieġ, li l-X-ray tas-sider tiġi kklassifikata kif suppost.
  - Il-frekwenza ta' eżami bl-X-ray tas-sider ser tkun iddeterminata mit-tabib responsabbli mis-saħħa fuq il-post tax-xogħol, ibbażata fuq evalwazzjoni tar-riskju mill-espożizzjoni għas-silika kristallina. Kun af dwar ir-restrizzjonijiet regulatorji li jeżistu f'xi pajjiżi fuq il-frekwenza ta' l-eżami bl-*X-ray*. Għal parir, kellem lil tabib ikkwalifikat, responsabbli mis-saħħa fuq il-post tax-xogħol.
  - Il-ħaddiema, wara li kienu ġew f'kuntatt ma' / esposti għas-silika kristallina Respirabbli u li waqqfu l-attivitajiet tagħhom ma' Min Iħaddem partikulari (irtiraw / orjentazzjoni professjonali ġdida), irid ikollhom il-possibbiltà li jibbenefikaw minn trattament mediku ta' wara fuq talba tagħhom. Min Iħaddem jintrabat, fi ħdan il-qafas tal-provvedimenti nazzjonali u ta' l-UE, li jiffaċilita dan it-trattament mediku ta' wara.

**2) Kif jinżammu r-rekords u kunfidenzjalità:**

- **<u>Ir-rekords mediċi</u>** għandhom jinżammu b'mod sikur, kemm jekk fuq il-post tax-xogħol jew barra. L-aċċess għal dawn ir-rekords mediċi għandu jsir biss b'konformità mal-leġislazzjoni nazzjonali.
- **<u>Komunikazzjoni</u>** tajba hi essenzjali jekk l-għanijiet ta' programm ta' sorveljanza tas-saħħa jridu jintlaħqu.



Pubblikat fil-25 t' Ottubru,2006
Il-versjoni Ingliza hija awtorevoli - L-aktar traduzzjoni ricenti hija accessibbli fuq il-website tan-NEPSI www.nepsi.eu

- Il-Ħaddiem għandu jkun infurmat bir-riżultati ta' l-eżami mediku tiegħu;
- Ir-riżultati tal-programm ta' sorveljanza medika, żvelati b'tali mod li l-individwi ma jkunux jistgħu jiġu identifikati, għadhom jintużaw biex itejbu l-miżuri eżistenti tal-kontroll tas-saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol.

REFERENZI:


- Occupational Health Program for exposure to Crystalline silica in the Industrial Sand Industry – National Industrial Sand Association (NISA) – March 1997
- Screening and surveillance of workers exposed to mineral dust – WHO – 1996
- The European Respiratory Journal – Volume 6, Supplement 16, March 1993
- Guidelines for the use of the ILO International Classification of radiographs of Pneumoconiosis – Revised edition 2000 – Internal Labour Organization
- ATS (1995) Standardization of spirometry - American Journal of respiratory and critical care medicine, 152:1107-1136
- Occupational Health Management in the Quarry industry – Quarries National Joint Advisory Committee – version 1 May 2004
- Health & Safety at work, Information notices on diagnosis of occupational diseases, European Commission, Employment & social affairs, Report EUR 14768.




Pubblikat fil-25 t' Ottubru,2006
Il-versjoni Ingliza hija awtorevoli - L-aktar traduzzjoni ricenti hija accessibbli fuq il-website tan-NEPSI www.nepsi.eu